**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Frar, 2025

Rikors Ġuramentat: 145/2016 AL

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur datat 24 ta' Ġunju 2016 li permezz tiegħuppremetta kif ġej:

*1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni minn liema relazzjoni twieldu zewgt itfal E B li twieled nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) [Dok KP01 u KP02] u F B li twieldet id-dsatax (19) ta' Gunju elfejn u tmienja (2008) [KP03].*

[1] Fol. 1.

*2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet tkissret irrimedjabilment u l-partijiet kellhom diversi problemi u saru allegazzjonijiet fuq l-attur li konsegwentament huwa ma kienx qieghed jara lil uliedu;*

*3. Illi l-attur qiegħed jikkondenti li jkun ghal gid tal-minuri li huwa jkollu access adekwat versu l-minuri, jinghata wkoll il-kura u l-kustodja tal-minuri anke kongunta u jkun partecipi fil-hajja ta' uliedu;*

*4. Illi b'digriet moghti fit- il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, awtorizzat lill-esponenti sabiex jipprocedi bil-kawza kontra l-intimata.*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onor Qorti joghgobha:*

> *1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn l-attur.*
>
> *2. Tordna fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel talba tal-attur tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri se mai tkun kongunta;*
>
> *3. Tordna li fin-nuqqas li l-attur jkollu l-kura u l-kustodja hekk kif mitlub tal-minuri jkun hemm access adekwat li l-attur jkollu versu l-minuri inkluz sleep overs u dana ghal gid tal-minuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-attur;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ E B bin-numru 2026/2002;[2]

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ F B bin-numru 2082/2008;[3]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[4] fejn ġie eċċepit :

---

[2] Fol. 4.
[3] Fol. 6.
[4] Fol. 33.

s-segwenti:

*Illi t-talbiet kif imressqin mill-attur għandhom jiġu kollha michuda u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Illi kif għandu jirriżulta matul il-mori ta' din il-kawża, huwa fl-aqwa interess tal-minuri wlied il-partijiet illi l-kura u kustodja tal-istess minuri tibqa' u tiġi dikjarata b'mod definittiv li għandha tibqa' esklussivament f'idejn l-esponenti għaliex hija biss hi verament kapaċi li tieħu ħsieb u trabbi lill-istess minuri.*

*Dan qed jingħad stante li kif ser jirriżulta faktar dettal matul il-mori ta' din il-kawża, l-attur, minħabba diversi raġunijiet inkluż iżda mhux limitatament stante l-atteġġjament negattiv muri minnu lejn l-istess minuri f'okkażżjonijiet diversi kif ukoll il-mod li kien u baqa' jġib ruhu lejn l-esponenti matul ir-relazzjoni tagħhom u anki wara, minkejja diversi opportunitajiet mogħtija lilu, wera li mhux kapaċi jieħu ħsieb b'mod adegwat l-istess minuri jew li jieħu jew jipparteċipa f'deċiżjonijiet li jkunu fl-aqwa interessi tagħhom. Dan anki stante raġunijiet konnessi ma' problemi ta' saħħa mentali li l-attur hu konfermat li jbagħti minnhom kif ukoll minħabba diversi problemi oħra karatterjali tiegħu li jikkonfermaw li mhux kapaċi li jerfa' r-responsabilita' li jrabbi lill-uliedu jew li jiddeċiedi għalihom b'mod li jkun fl-aqwa interessi tagħhom, kif diġa wera fil-passat;*

*Konsegwentement it-talba sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tingħata esklussivament favur l-attur għandha tiġi michuda.*

*2. Illi daqstant ieħor għandha tiġi michuda t-talba tal-attur li l-kura u kustodja tal-minuri wlied il-partijiet tkun konġunta bejn il-partijiet għaliex mhux fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tagħhom tkun konġunta. Miżjud mas-suespost, u ma' dak li ser ikun qed jiġi spjegat fil-kontro-talba tal-esponenti, dan kollu qed jingħad anki għaliex l-esponenti ma tistax toqgħod tiddependi li tissoġġetta ruħha għall-kunsens tal-attur għal kull ħaġa li tkun tikkonċerna lill-minuri, f'każ li l-kura u kustodja tagħhom tkun waħda konġunta, u dan mhux biss għaliex hija persważa li anki jekk għal semplicement pika, ser issib*

*ostakli u nuqqas ta' koperazzjoni mill-istess attur, iżda wkoll għaliex fi kwalunkwe każ, l-attur mhux kapaċi li jieħu deċiżjonijiet li jkunu verament skont l-interessi u xewqat ta' l-istess uliedu u fi kwalunkwe każ l-anqas biss ma qiegħed jikkontribwixxi biżżejjed għall-ħtiġijiet tagħhom;*

*3. Illi dwar it-tielet talba attriċi, l-esponenti twieġeb ukoll li hija tal-fehma li għal diversi raġunijiet li diga ġew ippruvati u għal raġunijiet oħra li ser jiġu ppruvati matul il-mori ta' din il-kawża u kif anki kkonfermat mill-Awtoritajiet jew Aġenziji kompetenti, m'huwiex fl-interess tal-minuri wlied il-partijiet li dawn ikollhom aċċess ma' missierhom saħansitra anki jekk ikun superviżjonat, u wisq inqas bi sleepovers. B'hekk anki din it-tielet talba għandha tiġi michuda;*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jkunu jistgħu jitressqu skond il-liġi jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri kontra l-attur li qed jiġi minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenjenti[5] li fiha ppremettiet:

*1. Illi l-esponenti tikkonferma li minn relazzjoni li hija kellha ma' l-attur twieldu barra ż-żwieġ, iż-żewġ minuri E B u F B fid-29 ta' Mejju 2002 u fid-19 ta' Ġunju 2008 kif indikat fir-rikors promotur tal-attur rikonvenzjonat;*

*2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet tkissret irrimedjabbilment b'tort uniku tal-attur minħabba l-aġir pussessiv, aggressiv u dominanti tiegħu kif ukoll minħabba d-disturbi mentali tiegħu wara snin li sħaħ li matulhom l-esponenti pruvat b'paċenzja kbira tissaporti u tkun ta' għajnuna għall-istess attur sakemm irrealizzat li l-istess attur ma riedx u ma kienx kapaċi jtejjeb is-sitwazzjoni tiegħu b'detriment kbir għaliha u għal uliedu;*

[5] Fol. 37.

*3. Illi matul l-istess relazzjoni li kellhom il-partijiet kif ukoll wara, il-mod ta' kif kien iġib l-attur lejn l-esponenti kif ukoll fil-konfront tal-minuri kienet u għadha qed tkun waħda negattiva li ma kinitx u ma hijiex ta' ġid għall-esponenti u għall-minuri għar-raġunijiet varji u serji li ser jiġu ppruvati matul il-mori ta' din il-kawża;*

*4. Illi wara li l-esponenti temmet ir-relazzjoni tagħha mal-attur, bdiet sensiela interminabbli ta' episodju u proċeduri legali bejn il-partijiet uħud minn liema wasslu saħansitra għal proċeduri kriminali imressqin fil-konfront tal-attur riżultanti fost l-oħrajn mill-fatt li l-attur baqa' jippretendi li jibqa' jsegwi u jiddetta l-ħajja tal-esponenti u tal-minuri wliedha billi jibgħat messaġġi ta' insulti jew theddid lill-esponenti jew jgħaddi kummenti fuq facebook jew isegwi lill-esponenti u lill-uliedha u jippretendi li jara u jkollu aċċess għal uliedu kontra l- volonta tal-istess uliedu jew minkejja li l-esponenti minħabba dak li l-attur wera matul ir-relazzjoni li kellu magħha u minn dak li kien qed juri wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, ikkonsidrat li ma kienx fl-aqwa interess tal-istess minuri li jitħallew mal-attur - kif ser jiġi ampjament spjegat matul il-mori ta' din il-kawża. Dan anki wara li l-attur kien saħansitra qabad u hataf lill-minuri F għal xahrejn sħaħ miegħu kontra l-volonta tagħha semplicement għax kien għadu ma ingħatax digriet dwar kura u kustodja u aċċess referibbli għall-istess minuri;*

*5. Sussegwentement l-istess attur instab hati fi proċeduri kriminali li kien refa' idejh fuq l-istess minuri - kif ser jirriżulta matul il-mori ta' dawn il-proċeduri;*

*6. Illi minkejja li l-attur ma kien qed jikkontribwixxi bl-ebda mod posittiv għat-trobbija tal-minuri wliedu huwa baqa' u għadu jinsisti li huwa għandu jkollu rwol attiv fit-trobbija tal-minuri kif ukoll li jkollu aċċess għall-istess minuri li min-naħa tagħhom wara diversi opportunitajiet mogħtija lill-istess attur rikonvenzjonat iddeċidew li ma jibqgħux aktar soġġettati għall-aċċess ma' missierhom proprju għaliex ma kienux qed iħossuhom komdi miegħu anki minħabba l-mod kif kien qed iġib ruhu lejhom b'mod partikolari l-mod kif ikellimhom u s-suġġġeti li kien jaqbad magħhom;*

*7. Illi l-esponenti min-naħa tagħha hija wkoll tal-fehma li minħabba diversi raġunijiet, kemm dawk dovuti għall-esperjenzi tagħha personali u negattivi li kellha mal-attur kif ukoll dawk konnessi mal-mod kif dan kien u baqa' jġib ruħu lejn l-istess minuri, mhux fl-interess tal-istess minuri li jkunu taħt il-kura u kustodja (l-anqas konġunta) tal-attur rikonvenzjat, u l-anqas ma hu opportun li dan jesercita aċċess għall-istess minuri għaliex kwalsiasi aċċess anki jekk superviżjonat, kien u qed ikun ta' preġudizzju għall-istess minuri u għall-isvilupp tagħhom;*

*8. Illi b'mod partikolari, it-tifel minuri l-kbir E jidher li ġie affetwat b'mod negattiv minħabba l-mod kif l-attur kien baqa' jġib ruħu lejn l-esponenti u lejh meta kienu għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf tant li baqa' jinsisti li ma jridx ikollu kuntatt ma' missieru għaliex jinsab imbeżża' minnu kif ukoll minħabba li minkejja d-diversi opportunatijiet li prova jagħti lill-istess missieru, l-esperjenza ta' aċċess miegħu baqgħat waħda negattiva;*

*9. Illi tant kemm l-istess minuri E ġie affetwat ħażin bit-tenzjoni kollha li kellu u għad għandu minħabba l-prospett li jkun sfurzat li jaffaċċja lill-missieru li kien hemm żmien fejn saħansitra wera disposizzjoni li jaqbeż minn tieqa waqt il-ħin tal-iskola tiegħu u baqa' juri atteġġjament ta' persuna trawmatizza u mbeżża' mill-prospett li jkun sfurzat jiltaqa' ma' missieru kif ser jintwera matul il-mori ta' dawn il-proċeduri. Minkejja dan kollu l-attur ingħata opportunita' oħra li jkollu aċċess superviżjonat ma' l-istess minuri iżda sfortunatament dan l-aċċess baqa' jkun wieħed negattiv;*

*10. Illi l-istess minuri, konsegwenza ta' dak kollu pretiż minn missieru u b'konsegwenza tat-tenzjoni u stress li dan kollu qed jikkawża, qiegħed ibagħti mhux biss psikoloġikament iżda anki fizikament tant li kull meta, riċentement, kien qed imissu l-aċċess superviżjonat, huwa kien jispiċċa jħossu fizikament ma jifħlaħx tant li l-Aġenzija Appoġġ innifisha ssuggeriet li l-aċċess jiġi sospiż, kif fil-fatt seħħ;*

*Konsegwenza ta' dan kollu, l-minuri spiċċa ġie affettwat negattivament anki f'dak li jirrigwarda l-progess akkademiku tiegħu kif ser jirriżulta matul il-mori ta' din il-kawża;*

*11. Illi minkejja li l-attur jallega li qed jieħu kura u assistenza professjonali biex itejjeb is-sitwazzjoni karatterjali jew psikika tiegħu, l-aċċess superviżjonat li baqa' jkollu b'mod partikolari għall-minuri l-kbir E, baqa' wieħed negattiv għal diversi raġunijiet li ser jiġu spjegati matul il-mori ta' dawn il-proċeduri bil- konsegwenza li għaldaqstant ma ntwera bl-ebda mod li sar il-progress li l-attur qed jinsisti li għamel f'dak li jirrigwardja l-kapaċitajiet tiegħu ta' missier;*

*12. Illi minkejja dan kollu, l-attur għażel li jipproċedi b'din il-kawża odjerna i għadu qed jippretendi mhux biss li jkollu aċċess għall-istess minuri bi sleepovers iżda saħansitra li jkollu l-kura u kustodja esklussiva jew konġunta ta' l-istess minuri mingħajr ma japprezza li l-minuri wliedu m'humiex komdi b'dan kollu proprju għaliex l-atteġġjament u behaviour tal-missier għadu wieħed negattiv;*

*13. Illi min-naħa l-oħra l-esponenti tagħmel ħilitha kollha biex minkejja l-mezzi limitati tagħha, tagħti l-aqwa trobbija possibbli lil uliedha mimlija mħabba u għożża, u għamlet minn kollox biex ittejjeb il-prospetti lavorattivi u finanzjarji tagħha għall-ġid ta' uliedha fil-waqt li tieħu ħsieb dak kollu li jikkonċernahom;*

*14. Min-naħa tiegħu, l-uniku kontribut li jagħti l-attur hu l-kontribut furzat fis-somma ta' mija u erbgħa u tmenin Ewro u sittin ċenteżmu (€184.60) li qed jitnaqqaslu mill-benefiċċji soċjali li huwa jippercepixxi, wara digriet li kien ingħata fil-proċeduri ta' medjazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet - ammont ta' manteniment li baqa' wieħed tassew limitat peress li l-attur rikonvenzjonat kien safa boarded out mix-xogħol tiegħu snin ilu għal raġunijiet li ser jiġu kkonfermati faktar dettal matul il-mori ta' din il-kawża, bil-konsegwenza li huwa ma jiddikjara ebda introjtu ieħor. Dan minkejja li sa fejn taf l-esponenti l-istess attur rikonvenzjonat wiret dar li qed jgħix komdu fiha fil-waqt li l-esponenti tinsab fil-kera u huwa biss b'sagrifiċċji kbar li hija qed jirnexxiela tlaħħaq mal-ispejjeż kollha tal-ħajja u mal-bżonnijiet ta' l-istess minuri;*

*15. Illi hekk kif ser jiġi ppruvat matul il-mori ta' din il-kawża għandu jirriżulta li fl-aqwa interess tal-minuri, il-kura u kustodja tagħhom għandha tkun affidata b'mod definittiv u esklussiv favur l-esponenti kif ukoll li l-istess*

*minuri ma għandhomx jiġu sfurzati li jkollhom aċċess ma' missierhom wisq anqas jekk dan ma jkunx superviżjonat jew jekk agħar minn hekk ikun kontemplat li jinkludi sleepover.*

*16. Illi għandu jirriżulta wkoll li l-attur rikonvenzjonat, minkejja l-allegati tentattivi biex itejjeb ir-relazzjoni ma' wliedu u biex itejjeb u jikkontrolla l-atteġġjament u behaviour tiegħu, għadu ma rreġistra ebda progress li b'xi mod ikun jista' jiġġustifika dak mitlub minnu fil-kawża mressqa minnu jew li jikkontradixxi dak li qed tgħid u titlob l-esponenti f'din il-kontro-talba tagħha;*

*Għaldaqstant in vista ta' dak premess jgħidu għalhekk l-attur rikonvenzjonat għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

> *1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-esponenti omm il-minuri E u F B għandha tingħata l-kura u kustodja esklussiva tal-istess minuri b'mod definittiv inkluż id-dritt li tiddeċiedi u tiffirma hi weħidha għal kwalsiasi deċiżjoni ordinarja u straordinarja li jkun hemm bżonn li tittieħed fil-konfront tal-minuri kif ukoll li tkun hi li tingħata weħidha u li żżomm passaporti tal-minuri li jkunu jistgħu jintużaw għal kwalsiasi opportunita' ta' vjaġġi konnessi mal-edukazzjoni jew saħħa tal-minuri jew għal kwalsiasi btala jekk ikun il-każ mingħajr il-ħtieġa ta' kunsens tal-attur rikonvenzjonat;*
>
> *2. Tiddikjara li sakemm l-attur rikonvenzjonat ma jkunx verament tejjeb l-atteġġjament u behaviour tiegħu inkluża l-kundizzjoni psikika tiegħu b'mod li jkun ikkonfermat anki medikament u professjonalment inkluż mill-Aġenzija Appoġġ, kif ukoll sakemm il-minuri ma jkunux verament komdi li jiltaqgħu ma' missierhom, l-aċċess favur l-istess attur rikonvenzjonat għaż-żewġ minuri wliedu għandu jiġi deċiż li għandu jkun u jibqa' sospiż, b'dan illi f'każ li eventwalment jirriżultaw kondizzjonijiet posittivi li jkunu jippermettu li jiġi riattivat l-aċċess, dan għandu jkun aċċess li jkun u li jibqa' superviżjonat fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ u li b'hekk ma jkun jinkludi l-ebda possibilita' ta' sleepover;*

*3. Tiddikjara u tordna li l-attur rikonvenzjonat għandu jikkontribwixxi manteniment fix-xahar ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin Ewro (€250) għal kull wieħed miż-żewġ minuri wliedu jew ammont superjuri skont il-ħtiġijiet li jirriżultaw matul il-mori ta' din il-kawża, oltre nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri, jew manteniment mensili superjuri għall-ammont hawn fuq imsemmi li jkun pero' inklussiv ta' nofs tali spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari u dan sakemm il-minuri jagħlqu tmintax-il sena jew sakemm jagħqlu tlieta u għoxrin sena u jibqgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi li jintitolawhom li jibqgħu jirċievu manteniment;*

*4. Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kif ukoll dawk mibdija mill-attur rikonvenzjonat a karigu tal-istess attur rikonvenzjonat li qed jiġi minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuta rikonvenjenti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur rikonvenut[6] għall-kontro talba tal-konvenuta rikonvenjenti:.

*1. Illi hekk kif intqal fir-rikors promutur l-kontendenti kellhom relazzjoni minn liema relazzjoni twieldu zewgt itfal E B li twieled nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u F B li twieldet id-dsatax (19) ta' Gunju elfejn u tmienja (2008);*

*2. Illi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-intimata huma kollha infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;*

*3. Illi l-attur rikonvenzjonat jinsisti li mhux vera kien hemm ebda tip ta' vjolenza u li dawna huma kollha allegazzjonijiet sabiex huwa jidher iktar ikrah quddiem dina l-Onorabbli Qorti u konsegwenza ta' dan jigi mcahhad milli jara lil uliedu;*

[6] Fol. 46.

4. *Illi l-intenzjoni tal-konvenuta hija illi izzomm lil missier uliedha l-boghod mit-tfal taghhom, hekk kif s'issa b'hafna manuvri qieghed jirnexxilha taghmel;*

5. *Illi l-attur rikonvenzjonat minn dejjem kien involut fit-trobbija ta' wliedu, infatti kien hu l-persuna li kienet tiehu hsieb lil minuri meta l-intimata ma kienitx tkun id-dar.*

6. *Illi għalhekk l-minuri kienu jgħaddu hin twil mal-attur rikonvenzjonat u l-konvenuta sakemm kien jaqblilha qatt ma kellha problema li thalli lil uliedhom mieghu;*

7. *Illi hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza hija l-konvenuta li b'mod malizjuz qieghda tbieghed lil minuri minn missierhom u anke mill-atti pprezentati jidher car li hija trid taqta' lil missier barra minn hajjet uliedhom u kull ma qieghda titlob huma flus;*

8. *Illi hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza l-intimata instabet hatja u ghandha sentenza sospiza minn proceduri kriminali, fatt li ma jirrifletti xejn posittiv fuq omm li qieghda tgħid li kapaci trabbi lil uliedha wahedha;*

9. *Illi fil-mori tal-kawza dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tara u tisma' l-provi u tapprezza kif allegazzjonijiet foloz jistghu jkunu ta' detriment ghal minuri li diga' gratilhom hafna hsara ghaliex qeghdin jigu mcahhda milli jibnu relazzjoni ma' missierhom u din hija l-unika raguni ghaliex tbeghdu minnu;*

10. *Illi jidher car anke mill-atti pprezentati s'issa li ulied l-kontendenti ghandhom bzonn l-għajnuna u għandhom jitqabbdu professjonisti sabiex jevalwaw jekk prezentament ulied il-kontendenti humiex qieghdin jghixu f'post dicenti u jekk l-omm hiex verament taghtihom l-attenzjoni li omm ghandha taghti lil uliedha;*

11. *Illi rigward it-talba tal-manteniment dina diga' hemm digriet ta' dina l- Onorabbli Qorti li jirregola l-istess, wara li dina l-*

*Onorabbli Qorti kienet talbet il-prospett tal-partijiet u anke hadet in kunsiderazzjoni l-aspett finanzjarju tal-partijiet;*

12. *Illi l-attur rikonvenjonat diga' qieghed jghaddi minn hafna tbatija minhabba l-qaghda finanzjarja tieghu prezenti u ma jkunx gust li jibqa' jbaghti minhabba l-attitudni negattiva tal-intimata;*

13. *Illi l-attur rikonvenzjonat huwa lest li jiktontribwixxi fit-trobbija ta' uliedu u lest li jghin lil intimata billi jibqa' jzomm it-tfal sakemm hija tahdem hekk kif kien jigri meta l-partijiet kien ghadhom flimkien, f'relazzjoni li damet diversi snin u meta l-problemi li kellhom kienu bhal ta' kull kopja ohra hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza;*

14. *Illi l-attur rikonvenzjonat jirribatti li l-allegazzjonijiet tal-intimata saru biss hekk kif hija iddecidiet li ttemm r-relazzjoni ta' bejniethom u tehles minnu darba ghal dejjem;*

15. *Ghaldaqstant l-esponenti jitlob li t-talbiet kollha tal-intimata pprezentati permezz tal-kontro-talba ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess intimata;*

16. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-attur rikonvenut;

Rat id-digriet tal-1 ta’ Ġunju 2016[7] fejn il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b’kawża *entro* t-terminu stabbilit mill-Liġi;

Rat il-verbal tal-24 ta’ Novembru 2016[8], f’liema seduta l-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta biex l-atti tal-medjazzjoni jiġu allegati mal-proċess ta’ din il-kawża;

[7] Fol. 11.
[8] Fol. 50.

Rat illi fl-istess seduta[9] il-Qorti ħatret lil Dr Anna Mallia bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża u l-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu 2017[10] li fih il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Anna Mallia u ssostitwietha bl-istess inkarigu u fakultajiet b'Dr Greta Mifsud Agius u l-verbal tad-29 ta' Novembru 2018[11] f'liem seduta il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Greta Mifsud Agius u ssostitwietha bl-istess inkarigu u fakoltajiet b'Dr Maria Dolores Gauci;

Rat ir-referenza kostituzzjonali li saret minn din il-Qorti fit-30 ta' April 2019 li permezz tagħha l-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) ntalbet tistħarreġ kwistjonijiet kostituzzjonali mqajjma mill-attur u s-sentenza tal-istess Qorti tat-30 ta' Ġunju 2020;[12]

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar 2021 fl-atti tar-Referenza Kostituzzjonali tat-30 ta' April 2019, Rikors Numru 82/19/1RGM[13];

Rat ir-rikors tal-attur tal-24 ta' Frar 2020[14] għar-rikuża ta' din il-Qorti kif preseduta u d-digriet li tat din il-Qorti fis-17 ta' Awwissu 2020 fejn il-Qorti ċaħdet ir-rikors tal-attur;

Rat il-verbali kollha u r-rapporti kollha tal-professjonisti involuti fil-każ odjern;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm permezz ta' affidavit u kif ukoll *viva voce*;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;[15]

[9] Fol. 51.
[10] Fol. 176.
[11] Fol. 537.
[12] Referenza kostituzzjonali Nru 82/2019 a fol. 917.
[13] Fol. 1119.
[14] Fol. 959.
[15] Seduta tat-3 ta' Ottubru 2024 a fol. 1629.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[16]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob li jingħata l-kura u kustodja esklussiva taż-żewġ ulied E B u F B li twieldu minn relazzjoni li hu kellu mal-konvenuta, u fin-nuqqas, il-kura u kustodja għandha *se mai* tkun konġunta bejnu u bejn il-konvenuta omm. Jitlob li fin-nuqqas, huwa jkollu aċċess adekwat għal uliedu, inkluż *sleep overs* u dan fl-interess tagħhom stess.

Il-konvenuta minn naħa tagħha toġġezzjona bil-qawwa għat-talbiet tal-attur u titlob lil Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tiegħu, filwaqt li tippreżenta kontro-talba li fiha titlob lil Qorti sabiex:

1. Takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-ulied E u F B inkluż id-dritt li tieħu kull deċiżjoni ta' natura ordinarja u straordinarja fil-konfront ta' wliedha;
2. Tiddikjara li l-aċċess għall-missier għandu jibqa' sospiż sakemm ma jurix atteġġjament u *behaviour* għal kollox differenti u pożittiva, inkluż li l-kundizzjoni psikika tiegħu tkun tajba u l-minuri jkunu komdi ma' missierhom, u f'dak il-każ l-aċċess jibqa' superviżjonat;
3. Tiffissa retta alimentari mensili għall-għajxien tagħhom, u ammont li jirrifletti nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, pagabbli mill-attur missier sal-età maġġorenni u jekk jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full time* sakemm jibqgħu jistudjaw b'dan il-mod sa l-età massima ta' tlieta u għoxrin (23) sena;

2. **Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:**

Il-Qorti tirreleva illi din il-kawża, li fiha l-partijiet preżentaw numru kbir ta' rikorsi, xhieda, dokumenti u affidavits, sabiex jippruvaw il-kawża tagħhom

[16] Verbal tat-3 ta' Ottubru 2024 a fol. 1629.

kontra xulxin, twalet is-snin tant li issa wlied il-partijiet, li fuq kollox dwarhom tirrispekja l-kawża odjerna, laħqu kibru. E laħaq l-età maġġorenni u fil-fatt għandu tnejn u għoxrin (22) sena u F issa għandu sittax-il (16) sena.

Il-Qorti għandha l-poter illi tiddeċiedi dwar il-kura u kustodja tal-minuri sal-età li dawn jagħlqu l-età maġġorenni li lokalment hija l-età ta' tmintax-il (18) sena u għalhekk filwaqt li Qorti issa ser ikollha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet li għandhom x'jaqsmu mal-kura u kustodja u aċċess tat-tifel E, il-Qorti trid tiddeċiedi dwar l-istess fil-konfront tat-tifel F, iżda dan fl-isfond li F ukoll kiber sew u llum għandu sittax-il (16) sena.

L-istess jingħad dwar il-manteniment, salv għal fatt illi l-Liġi Maltija tagħti d-dritt illi l-ulied jibqgħu jirċievu manteniment sal-età massima ta' tlieta u għoxrin (23) sena f'każ li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time*.

F'dan l-isfond il-Qorti sejra tagħmel riassunt tal-provi miġjuba mill-partijiet.

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mressqa Minnu:*

*L-attur jixhed permezz ta' affidavit preżentat fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2016*[17], li fih jgħid li wara li hu u l-konvenuta ltaqgħu fuq *dating site* bdew joħorġu flimkien u kellhom żewġt itfal, E li twieled fid-29 ta' Mejju 2002 u F li twieled fid-19 ta' Ġunju 2008. Jgħid li tul ir-relazzjoni tagħhom il-konvenuta daqqa kienet tgħix miegħu u daqqa band'oħra. Jgħid li bejn Ġunju u Lulju 2014, il-konvenuta telqet għal kollox minn fejn kienu jgħixu u għalkemm prova jikkuntatjaha għal madwar tliet (3) ġimgħat fuq il-mobajl dan kien isibu dejjem mitfi.

Jgħid li wara tliet (3) ġimgħat irnexxielu jagħmel kuntatt mal-konvenuta u din qaltlu li kienet kriet appartament għaliha u ddeċidiet li ser tgħix hemm. Jispjega li hu kien imur l-appartament tagħha kull filgħodu u jagħmel hemm sal-ħamsa ta' filgħaxija (5.00 pm) jieħu ħsieb it-tfal u jara li dawn ma jonqoshom xejn, sakemm il-konvenuta toħroġ tagħmel xi xogħol bil-karozza tiegħu. Kienet ukoll tieħu xi xogħol id-dar u l-attur kien jgħinha tlestih. Kien imbagħad jgħaddi l-lejl il-post fejn kien jgħix hu. Din ir-rutina

[17] Fol. 50.

damet għal madwar sitt (6) xhur. Kien hemm xi żminijiet ukoll li hi kienet rikoverata l-isptar u għalhekk l-attur kien jorqod il-post tagħha u jieħu ħsieb lit-tfal waħdu.

Jgħid li fil-bidu tal-2015, il-konvenuta qaltlu li r-relazzjoni tagħhom spiċċat u dak il-ħin stess huwa jgħid li libbes lil F u ħadu miegħu biex jibda jgħix miegħu. Hawn jgħid li l-konvenuta bdiet proċeduri l-Qorti sabiex F jiġi ritornat fil-kura tagħha. F ġie ritornat u hemm bdiet il-battalja biex l-attur jieħu aċċess għat-tfal għaliex il-konvenuta kienet reżistenti fuq dan għaliex bdiet tgħid li huwa ma hux kapaċi jieħu ħsieb lit-tfal u tinsinwa li hu vjolenti. Huwa jiċħad kategorikament kull vjolenza fuqha jew fuq it-tfal.

Jgħid li għalkemm huwa vera jbati minn dipressjoni, huwa jieħu l-mediċina neċessarja u l-kundizzjoni hija kontrollata. Jgħid li l-konvenuta kienet konxja ta' din il-kundizzjoni mill-ewwel ġurnata li ltaqgħu u qatt ma kellha problema biha. Fil-fatt jgħid li hi qatt ma kellha problema li hu jieħu ħsieb it-tfal. Ikompli biex jgħid li hi ma kinitx tagħti każ lit-tfal u kienet tħallihom weħedhom id-dar meta kienu żgħar, tbiddel u tinħasel quddiemhom anke meta kibru, tixxemmex *topless* quddiemhom u anke meta tkun trid tkun intima miegħu ma kinitx tagħti każ li l-kamra tas-sodda tkun miftuħa tant li E kien iħabbat mal-ħajt u jgħid "*tagħmlux baby ieħor*." Isemmi wkoll li kellha karattru vjolenti u kemm-il darba ittentat tagħmel suwiċidju u spiċċat anke weħlet sitt (6) xhur ħabs sospiżi. Jgħid ukoll li l-post li tgħix fih mat-tfal huwa *sub standard.*

Jinsisti li l-konvenuta ma għandiex sens komun u kienet anke fetħet *facebook account* lit-tfal fuq isimhom meta E kellu sitt (6) snin u F tliet (3) snin u dawn ingħalqu mbagħad fuq pariri professjonali. Tgħid li lit-tfal ma żżommhomx nodfa u qiegħda tonqos mill-obbligi tagħha ta' ġenitur.

In kontro-eżami[18] jgħid li lil F (E f'dan iż-żmien diġà kien sar maġġorenni) kien qed jarah darba fil-ġimgħa għal sagħtejn u nofs u miegħu jmur *Mc Donald's* għaliex it-tifel hekk ikun jixtieq. Jgħid li t-tifel jgħidlu li għandu ordni li dejjem jibqa' n-Naxxar allura dejjem ikun irid imur *Mc Donald's* t'hemmhekk. Isemmi xi attivitajiet oħra li jagħmlu flimkien. Jgħid li hu u t-tifel jitkellmu ħafna meta jkunu flimkien. Jgħid li darba staqsieh għalfejn

[18] Seduta tal-15 ta' Marzu 2024 a fol. 1607.

qisu ma jkunx irid jarah u t-tifel wieħġbu li "*ommi qaltli illi inti kont issawwatha bid-daqqiet ta' sieq u bid-daqqiet ta' ponn, qalli. Qalli għalhekk qalli kontrik jiena, qalli.*" Jgħid li talab lit-tifel ineħħiħ minn *blocked* fuq *Messenger* u bdew jitkellmu.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur jiproduċi s-segwenti xiehda:

<u>*Xhieda ta' MN ossia ġar tal-attur permezz ta' affidavit ppreżentat fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017*[19]</u> li jgħid li huwa joqgħod fl-istess blokka fejn joqgħod l-attur u kemm-il darba ra lill-attur jieħu ħsieb lil uliedu fin-nuqqas tal-preżenza tal-omm fil-komun jew fuq il-bejt. Jgħid illi "*Li nista' nghid fuq l-imgieba ta' A ma' uliedu hija li kull meta kelli cans narahom flimkien, A dejjem mexa u ikkorega lil uliedu b'mod gentili u responsabbli.*"

<u>*Xhieda tal-konvenuta in subizzjoni*[20] li</u> tgħid li hija ltaqgħet mal-konvenut u wara sitt (6) xhur joħorġu flimkien inqabdet tqila. Tgħid li l-konvenut kien qalilha li hu jbati minn dipressjoni u hi kienet aċċettat dan għaliex irraġunat li d-dipressjoni hija ħaġa komuni. Tgħid li hi ma sabitx problema meta l-attur qalilha li hu ma jridx jiżżewweġ. Tgħid li l-ewwel tqala ma kinitx pjanata u l-pjan kien li jkollhom tfal fil-futur. Tgħid li hija kellha tlieta u għoxrin (23) sena u għalkemm l-attur ħa gost, huwa ma ssuportjahix finanzjarjament. Bdew jgħixu flimkien meta t-tifel kellu ħmistax-il (15) ġurnata ġewwa B'Bugia.

Tgħid li l-attur kien jiddejjaq li kien ikollha tmur tliet (3) darbiet fil-ġimgħa għand ommha għaliex ommha kienet marida u kellha bżonn l-għajnuna. Tgħid li l-attur kien jaf ukoll bil-problemi li kellha għaliex ħuha l-kbir kien jabbuża minnha sesswalment. Tgħid li hi kienet issajjar u l-attur qatt ma gerger li d-dar ma kinitx nadifa. Kien igerger li kienet tħalli lit-tifel fil-karozza fix-xemx. Tgħid li kollox hi kienet tieħu ħsieb u l-attur rari kien jagħmel xi ħaġa. Dak iż-żmien kienu t-tnejn fuq ir-*relief*. Tixhed dwar inċident mal-ġirien li kienu jabbużaw mid-droga u li wara li l-attur irrapurtahom tawha xebgħa meta ltaqgħet magħhom is-*supermarket*. Tgħid li t-tifel kien magħha dakinhar u spiċċa bi trawma.

---

[19] Fol. 57.

[20] Seduta tat-13 ta' Lulju 2017 a fol. 364, seduta tat-28 ta' Mejju 2018 a fol. 483 u seduta tas-6 ta' Marzu 2020 a fol. 895.

Tgħid li kienet tħalli lit-tfal id-dar ma' missierhom meta kienet tmur għand il-psikologa darba fil-ġimgħa u fis-sajf fil-vaganzi meta kienet tmur ix-xogħol u l-iskola kienet twassalhom hi dejjem, ħlief meta kienet tkun ma tiflaħx.

Tgħid li kienet tmur għand il-psikologa Amanda Grech minħabba problemi familjari u għaliex kienet tissubixxi vjolenza domestika mill-attur u li issa kienet ilha sena u nofs li waqfet. Tgħid ukoll li għandha kundizzjoni li tissejjaħ *Familiar Mediterranean Fever* fejn it-temperatura tal-ġisem tkun dejjem ogħla min normal u qabel ma ħarġitilha d-dijanjożi tgħid li kienet ma tiflaħx sew. Tgħid li għamlet sentejn tieħu l-antibijotiċi. Tgħid li tul dan iż-żmien l-attur ma kienx jgħinha u mbagħad meta telqitu beda jmur jiġbor lit-tfal u jeħodhom l-iskola u jerġa' jmur għalihom. Tgħid li kellha perjodu fejn kienet l-isptar u t-tfal kienu baqgħu mal-attur.

Tispjega li issa t-tfal jgħixu magħha n-Naxxar u mal-*partner* tagħha u filwaqt li t-tifel il-kbir jattendi l-iskola tal-ALP, F jattendi l-iskola Primarja tan-Naxxar. Tgħid li taħdem *full time.* Dwar it-tifel iż-żgħir tgħid li dan falla ħafna skola għaliex għandu *Phobia sickness* u jiġi *bullied* l-iskola. Tgħid li hi u l-*partner* jitqassmu biex jieħdu l-leave meta t-tifel ma jmurx skola. Tgħid li hi tara li jkunu għamlu l-homework meta tmur lura d-dar imma F ħafna drabi jkollu l-problemi minħabba l-*bullying.* Hi taħdem bejn is-6.45am u s-7.15pm. u E ikun id-dar ma' F meta dan tal-aħħar jiġi mill-iskola u mbagħad imur il-*partner* tagħha d-dar magħhom.

Tgħid li bħalissa ma hix qed tinkoraġġihom imorru għand missierhom. Dan għaliex tgħid li l-attur huwa *highly suicidal* u minħabba li rat lit-tifel E imkisser u ma jistax jorqod bil-lejl għaliex missieru bagħtlu messaġġ taħt profil differenti minn tiegħu u kien qed jinkwieta u jitħawwad. Tgħid li fil-Milied il-missier xtaqt jeħodhom x'imkien fejn iridu huma "*Suggeriment li sar; illi jehodhom pizza, jehodhom movie, jehodhom McDonalds, jehodho fil-park, jehodhom anywhere fejn l-ghazla taghhom. One hour, two hours, 30 minutes, anke l-bandli tan-Naxxar, even 10 minutes!"* iżda huma ma riedu b'xejn. Tgħid li mbagħad hi ma tinsistix iktar fuq hekk u t-tfal ma jitkellmux iktar fuq hekk. Mistoqsija x'tgħid lit-tfal meta dawn jirrifjutaw illi jiltaqgħu ma' missierhom hija tgħid:

*"Dr Robert Thake:                Ma jimpurtax. Ha nerga' insaqsik, mela qatt tawk raguni t-tfal għalfejn ma jriux jiltaqghu ma' missierhom?*

*Xhud:        Ma ghandhomx għalfejn jaghtuni r-ragunijiet no. I understand their point and that's all.*

*Dr Robert Thake:        Qatt ma tkellimtuha.*

*Xhud:        No. Ma ghandniex għalfejn. Ghax jiena meta mmur fuqhom u nghidilhom - isma' trid tiltaqa' mad-daddy? Isma' trid tibghatlu photos? Kull email li inti bghatt lil G u G iffowwerdja lili kull darba jien noqghod bilqieghda nara il-mod kif ser indur mad-diskussjoni, u jekk huma jghiduli no, I am sorry I stand by their decision."*[21]

Tikkonferma li issa t-tifel il-kbir ser jagħlaq tmintax-il (18) sena u qiegħed id-dar iżda qed japplika għax-xogħol. Tgħid li kif jagħlaq l-età tmur miegħu l-ETC biex jirreġistra iżda t-tifel qed jieħu l-ħin tiegħu biex jiddeċiedi iridx ikompli l-iskola. Tgħid li lit-tifel qaltlu dwar il-fatt illi meta jibda jaħdem, il-manteniment għalih ser jieqaf.

*Xhieda ta' Gertrude Scerri in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2017*[22] li tippreżenta kopja tal-file mediku ta' F u E B.

*Xhieda tal-psikjatra Dr Mark Xuereb waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2017*[23] li jixhed li kien ilu jaf lill-attur sena u nofs bħala klijent tiegħu. Jgħid li l-attur dejjem ikkopera miegħu u wrieh li ried li jerġa' jieħu d-drittijiet ta' missier. Jgħid li l-attur kellu ħafna problemi fil-passat u issa jrid li jkompli jtejjeb lilu nnifsu. Jgħid li l-attur ma kellux mard mentali serju iżda dipressjoni u traċċi fil-personalità li ried jaħdem fuqhom u beda t-terapija u l-kura għal dan. Jgħid li l-attur ma hux ta' periklu għalih inniffsu u għall-oħrajn, għalkemm minn leħnu jista' jkun żorr. Ix-xhud jirrakomanda li l-

[21] Fol. 906.
[22] Fol. 57.
[23] Fol. 57.

attur ikollu aċċess b'superviżjoni iżda mhux fil-bini tal-Appoġġ. Jgħid li anke l-omm għandha bżonn sessjonijiet miegħu fl-interess tat-tfal.

*Xhieda ta' Alfred Debattista, Kap tal-iskola Żabbar Primary A waqt is-seduta tas-27 ta' April 2017*[24] li jippreżenta records ta' attendenza taż-żewġt itfal sal-Year 2. Wara l-Year 2 imbagħad it-tfal jgħaddu għal Primary "B". Jgħid li E kellu shared LSE. Jagħti nformazzjoni tal-ġranet li t-tfal kienu assenti mill-iskola *on medical grounds* u meta kienu assenti mingħajr ġustifikazzjoni. Jikkonferma li ż-żewġ ġenituri kienu juru interess fit-tfal.

*Xhieda ta' Charlot Cassar, Kap tal-iskola Żabbar Primary B waqt is-seduta tas-27 ta' April 2017*[25] li jgħid li F kien ilu jattendi l-iskola Primary "B" mis-sena ta' qabel u jippreżenta records tal-attendenza tiegħu. Jippreżenta wkoll r-riżultati akkademiċi tat-tifel u jgħid F ma għandux bżonn LSA.

Fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017[26] jagħti *update* tal-*absenteeism* ta' F u jippreżenta d-dokumenti relattivi. Jgħid li huma konċernati għaliex minħabba s-sitwazzjoni tal-ġenituri tiegħu t-tifel għandu *misplaced anger* li huma ilhom jinnutaw u li iktar ma jikber it-tifel iktar qed jiżdiedu l-problemi. Jgħid li mill-ġenituri ma hemmx kooperazzjoni. Mistoqsi t-tifel kienx qed ikun *bullied*, jgħid li l-problema hija pjuttost il-kontra li hu kien ikun bully u "*Juza vjolenza bhal daqqiet jew imbuttar fuq tfal ohra*".[27] L-*anti-bullying section* kienet waslet għal din il-konklużjoni wara l-allegazzjoni mill-omm li t-tifel kien qed jiġi *bullied*.

Jispjega li "*Dan il-kaz huwa tal-estrem fejn jekk ikun hemm kuncert tal-iskola, l-ewwel nitlob permess minghand l-omm biex nara taghtix kunsens lill-missier biex jattendi, imbaghad jekk jattendi jrid joqghod attent li jpoggi f'zewg direzzjonijiet opposti u noqghod attent ukoll li ma jersqux lejn xulxin.*"[28] Jgħid ukoll li kien hemm drabi fejn it-tifel mar l-iskola mingħajr *lunch* u kellhom ituh ikel huma għaliex kien ikun bil-ġuħ u meta mitkellma

---

[24] Fol. 185.
[25] Fol. 185.
[26] Fol. 223.
[27] Fol. 224.
[28] Fol. 224.

l-omm qaltilhom li t-tifel ma riedx *lunch*. It-tifel ma jitkellimx fuq il-ġenituri tiegħu.

*Xhieda ta' Ossie Balzan, rappreżentant tal-Isptar Monte Karmeli fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017*[29] li jippreżenta l-files relattivi ta' E u F B iżda jgħid li ma jistax jixhed hu dwar il-kontenut tal-files.

*Xhieda ta' Joseph Ellul, rappreżentant tal-Iskola Sekondarja Verdala Cospicua fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017*[30] li jgħid li E jattendi l-iskola tal-Verdala u jippreżenta l-attendenza u l-file tat-tifel. Jgħid li ma jkollhomx problemi bit-tifel li hu pjuttost kalm u kwiet. Jgħid li qed jippruvaw jedukaw lit-tifel għaliex ma kinux jarawh jiekol *healthy*. Jgħid li qabel kien iktar qisu mdejjaq u aggressiv fiż-żmien li l-ġenituri tiegħu kienu qed jisseparaw, iżda issa iktar kalm. Jgħid li għal *parents day* il-ġenituri jmorru separatament. Jgħid ukoll li lit-tifel dejjem jarawh nadif.

*Xhieda ta' Diane Muscat, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2019*[31] li tgħid li hi l-għalliema ta' F ġewwa l-iskola tan-Naxxar. Hija tiġi murija *assessment* li tikkonferma li huwa ta' F u tgħid li l-livell akkademiku tat-tifel huwa baxx. Tgħid li t-tifel żgur ma jsofrix minn *bullying* minn sħabu u lanqas f'dik is-sena ma nnutat li hu kien jagħmel *bullying* fuq sħabu. Hija tgħid li qisu kull erba' (4) ġimgħat, it-tifel jagħmel ġimgħa ma jmorrux skola u nofs dawn id-drabi jkollu ċertifikat mediku. Tgħid li hi ma tarahx ma jiflaħx lit-tifel. Iċ-ċertifikati juru mard komuni bħal URTI, influenza *etc*.

*Xhieda ta' Renzo Galea, Kap tal-iskola tan-Naxxar, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2019*[32] li jixhed illi F kien ilu f'dik l-iskola minn Year 5 u issa kien Year 6. Jixhed li fuq F hemm preokkupazzjonijiet fuq attendenza u jidħol fid-dettall dwar l-attendenza tiegħu. Jinsisti li t-tifel kien qed jiġi segwit mill-*Anti Bullying teacher* u kien irriżulta li t-tifel ma kellux problema ta' *bullying* u żgur li mhux għalhekk kien qed ifalli skola. Isemmi wkoll *issue* oħra li ndunaw li kellu t-tifel u din kienet li kien qed idum bil-lejl jiċċatja fuq l-*internet* u kellu *dancing eyes* u kien qed ikun għajjien fil-klassi. Jgħid li huma kkomunikaw dwar dan mac-*child protection services* għaliex dan

[29] Fol. 223.
[30] Fol. 223.
[31] Fol. 646.
[32] Fol. 661.

baqa' jsir anke wara li tkellmu mal-omm. Kien hemm *issue* wkoll ma' min qed kien ikun qed jitkellem. Jgħid li din turi nuqqas ta' attenzjoni d-dar u li issa kienu ser jirreferu wkoll lil omm għall-*community services* ta' l-FSWS biex jigwidaw lilha. Jgħid li meta kellmu lil omm din qaltilhom li kienet ser teħodlu t-*tablet*.

Jgħid li t-tifel għamel żmien ukoll inkwetat li persuna li kienet tilgħab *Roadblocks* miegħu fuq l-*internet* setgħet kienet missieru u x-xhud ħadu l-uffiċju u kellmu fuqha. Jgħid li t-tifel ibati minn ansjetà, li anke tirriżulta f'uġiegħ fiżiku, meta ommu u missieru jkollhom il-Qorti. Jgħid li t-tifel iħobb ħafna lil ommu u meta huma tkellmu magħha dwar *concerns* dejjem tkellmet u ddiskutiet magħhom però il-problema tal-*internet* qal li kienet *issue* li kienet għada qed tiżvolġi.

*Xhieda ta' David Rizzo, social worker min-National School Support Services fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2019*[33] li jgħid li sa issa huma kienu għadhom ma daħlux fil-każ ta' F għax ma kienx hemm każ daqsekk gravi ta' *absenteeism* mill-figuri li kellhom huma. Huwa jispjega li meta jkun hemm *absenteeism on medical grounds* id-Dipartiment ma jipproċedix u meta jkun hemm *unjustified absenteeism* tkun id-diskrezzjoni tal-ħaddiema soċjali tipproċedix jew le u f'dan il-każ ma kienux proċedew.

*Xhieda ta' Gertrude Scerri, rappreżentanta tal-Isptar Mater Dei fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2019*[34] li tippreżenta kopja tal-file tal-Isptar tal-minuri F B.

*Xhieda ta' Dr Daryl Xuereb fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2019*[35] li jgħid li huwa jaf lill-partijiet bħala pazjenti tiegħu li ilu jafhom minn meta t-tfal kienu żgħar. Jgħid li issa ilu madwar tlieta jew erba' snin ma jarahom. Hu kien jarahom meta jimirdu, bejn wieħed u ieħor darba fix-xahar żgur, fix-xitwa jista' jkun iktar u fis-sajf inqas. Jgħid li l-affarijiet li kien ikollhom kienu dejjem differenti u ma kienx hemm kundizzjoni partikolari li għaliha kienu jittieħdu għandu t-tfal. Il-frekwenza li bih kien jimrad F ma kinitx waħda inkwetanti iżda waħda normali. Jgħid li peress li l-konvenuta kienet tmur regolari għandu ġieli kienet iċċempillu u tispjegalu x'kellhom it-tfal u titolbu

[33] Fol. 693.
[34] Fol. 715.
[35] Fol. 801.

ċertifikat għal ġurnata u ma toqgħodx tmur il-*clinic*. Huwa waqaf jarahom meta ma baqgħux joqgħodu fil-lokalità fejn kien jara n-nies hu.

*Xhieda ta' Marlis Scicluna, Councelling Psychology Practitioner ma' l-FSWS, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2019*[36] li tixhed dwar F B li tiegħu ġiet allokata l-każ. Tgħid li ltaqgħet ma' F għoxrin (20) darba u li t-tifel kien ikun ħerqan ħafna biex imur jitlaqa' magħha u magħha bena relazzjoni tajba ħafna. Tgħid li kienet fehmet li għandu bżonn *sense of safety.* Tgħid li fil-fatt hi kienet tagħmel l-almu tagħha li jkun hemm konsistenza fil-kamra li jużaw *etc*. Tgħid li hi tħoss li t-tifel għandu bżonn spazju fejn jesprimi ruħu, sew jekk magħha, sew jekk ma' xi esperti oħra. Tgħid li t-tifel kien jitkellem fuq affarijiet differenti, skola ansjetà *etc*. Tkompli li t-tifel kien isemmi li fil-laqgħat ma' missieru kien ikun anzjuz u li hi kienet fil-fatt tħoss din l-ansjetà.

*Xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2020*[37] li jippreżenta prospett tal-benefiċċji li jipperċepixxu ż-żewġ partijiet. Huwa jippreżenta prospett li jirrifletti dak li ħadu fl-2019 u fl-2020. Hu jispejga li l-konvenuta ma tieħux assistenza soċjali iżda tieħu l-manteniment mingħand ir-raġel li jinqata' mill-assistenza soċjali tiegħu u jidher fuq tagħha.

*Xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza tal-Jobs Plus fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2020*[38] li jippreżenta l-*employment history* ta' E B. Huwa jikkonferma li B qatt ma rreġistra għax-xogħol.

*Xhieda ta' Joyce Agius in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2020*[39] li tippreżenta kopja tas-sentenzi li ngħataw fil-konfront tal-konvenuta.

*Xhieda ta' Corinne Cilia, Kap tal-Iskola Maria Regina College Middle School Naxxar fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2021*[40] li tgħid li t-tifel F B huwa tifel riżervat u jipparteċipa fil-lezzjonijiet. Tgħid iżda li dik is-sena ma kienx

[36] Fol. 811.
[37] Fol. 940.
[38] Fol. 1022.
[39] Fol. 1053.
[40] Fol. 1177.

qed jattendi skola għaliex ommu ħadet permess biex ma tibgħatux skola ħabba l-pandemija tal-COVID.  Huwa lanqas ma preżenta *homework* meta ma kienx qed jattendi skola jiġifieri minn Ottubru sa Marzu 2021. Meta mbagħad f'Marzu 2021 marru *online,* huwa xorta ma bediex jattendi u l-attendenza tiegħu kienet *grossly below average.*  Tgħid li bħala skola ġiet ikkuntatjatha l-omm u din qaltilhom li kellha xi problema bil-*laptop* u huma nfurmawha li d-Dipartiment jgħin lil min m'għandux *laptop*.  It-tifel lanqas attenda għall-eżamijiet meta reġgħu fetħu l-iskejjel.  It-tifel baqa' *excused* għaliex omm it-tifel imliet il-*Form A*.  Tgħid li huma kienu kkuntatjaw lil omm biex jinkoraġġuha tibgħat lit-tifel l-iskola iżda tgħid li huma ma setgħux jisfurzaw lil min ma kienx qed jattendi ladarba jkunu *excused* bil-formola.

Tgħid li t-tifel huwa "*a sweet boy, gustuz, well mannered, qatt ma kellna trouble bih...qisek trid tkellmu biex ikellmek"*[41]  Tgħid li l-missier indaga dwar l-attendenza tat-tifel fiż-żmien il-COVID u staqsa għalfejn mhux jattendi u kien dejjem edukat magħhom iżda ma nsistiex kontra l-eżenzjoni tat-tifel.  Huwa kien ukoll juri interess fil-*parents day* u jsegwi l-progress tat-tifel

L-attur jippreżenta wkoll <u>*Nota b'numru ta' dokumenti*</u>[42] fuq *USB pendrive*, speċifikament is-segwenti files:

*"Video #1 - Il-konvenuta, C D, tiggieled u tinsulenta ma gara tal-partijiet, certu G H, minghajr provokazzjoni ta' xejn, filwaqt illi t-tifel minuri, F, dak iz-zmien tarbija, qieghed f'idejha u dan sakemm waqqafha l-attur, A B.*

*Video #2 - Il-konvenuta, C D, tiggieled mal-inspector tal-EneMalta u mal-pulizija, fil-prezenza tat-tifel minuri, E, illi dak iz-zmien kellu hames snin, filwaqt illi fl-isfond jinstema l-attur, A B, jsikkitha u jfakkarha illi hemm it-tifel minuri hdejhom.*

*Video #3 - Il-konvenuta, C D, tiggieled ma gara ohra, isimha mhux mgharuf, kunjoma I, fil-prezenza tat-tifel minuri, E, illi dak iz-zmien kellu*

[41] Fol. 1185.
[42] Nota ntavolata fit-30 ta' Ġunju 2021 a fol. 1201.

*biss hames snin, vizibilment imwerwer, u jhabbat fuq il-bieb biex jidhol gewwa.*

*Video #4 - Il-konvenuta, C D, tiggieled ma gar iehor, ismu mhux mgharruf.*

*Video #5 - Il-konvenuta, C D, tiehu shower fil-prezenza tat-tifel minuri, E (censurat).*

*Recording #1 - Konverzazzjoni bejn il-partijiet, u t-tifel minuri, E, wara li t-tifel wera x-xewqa illi l-genituri tieghu jergu' flimkien, li fiha l-konvenuta, C D, tinstema tghid lit-tifel, E, illi jekk irid jista' jmur jghix ghand missieru.*

*DOK KPA1 - Profil elettroniku, b'isem falz, illi kkrea t-tifel minuri tal-partijiet, F, fis-sena 2017, sabiex ikellem lil missieru b'mod klandestin.*

*DOK KPA2 - Chat log bejn it-tifel minuri tal-partijiet, F, u l-attur, fejn it-tifel minuri jesprimi l-imhabba tieghu lejn missieru."*

*Il-Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mressqa Minnha:*

*Il-konvenuta tixhed fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2021*[43] fejn tgħid li hi telqet mid-dar f'Awwissu 2015 minħabba li tgħid li kienet taqla swat mingħand l-attur, iħalliha bil-ġuħ, jinqeda bil-flus li ddaħħal hi, ma jgħiniex *etc*. Dak iż-żmien hu ma kienx jaħdem għaliex skond hu kien juġgħu daru u l-psikjatra kien jgħid li għandu *personality disorder.* Tgħid li fil-bidu kienu tajjeb flimkien, imbagħad il-problemi bdew meta ħa *loan* biex jixtri post u r-*relief* tiegħu beda jużah biex iħallas il-*loan* u kien idur fuqha biex tixtri kollox minn tagħha. Tgħid li biex imur jaħdem dejjem kien iġib skuża b'dahru iżda mbagħad ried imur *security* bil-lejl u ħadilha 'l fuq minn elf Ewro biex jixtri *bullet proof vest*. Dak iż-żmien imbagħad kienu marru joqgħodu fid-dar li xtara Ħaż-Żabbar.

Tgħid li l-iktar li qalgħet swat kienet hi u darba kien hemm inċident mat-tifel fejn l-attur mar biex isawwtu u meta marret twaqqfu, qalgħet is-swat hi. Waqt l-argumenti ta' bejniethom tgħid li t-tfal kienu jkunu jinħbew fil-

[43] Fol. 1243.

kamra tas-sodda. Tgħid li t-tifel il-kbir kien jgħidilha li hu mbeżża'. Tispjega li hi telqet mid-dar wara li eskala argument bejniethom fejn tgħid li l-attur qabadha minn għonqha u ħabbatha mal-*cupboards* tal-kċina u tgħid li kien ser jitfagħha mit-taraġ għal isfel. Dan l-argument inqala' għaliex ma riditx ittih il-flus biex jixtri l-*bullet proof vest.*

Tgħid li meta kienu għadhom flimkien, id-dar it-tfal kienu joqgħodu jaraw il-*cartoons* jew jgħinuha waqt li l-attur fuq il-laptop jiċċatja fuq *Hi Five*. Tgħid li l-affarijiet tad-dar dejjem għamlithom hi, u kienet hi wkoll tgħin lit-tfal fl-iskola. Tgħid li meta telqet mid-dar, marret Dar Merħba Bik iżda telqet wara ħmistax għaliex tgħid li t-tifel E kien marid il-ħin kollu li damu hemm. Tgħid li ċertifikati mediċi qatt ma għamlet iżda kienet tmur tirraporta l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar. Tgħid li sakemm kienet Dar Merħba Bik ma għamlitx kuntatt mal-attur u hu ma kienx jaf fejn marret u mbagħad reġgħu bdew jitkellmu u wiegħda li ser jinbidel u telqet minn Dar Merħba Bik. Tispjega li marret toqgħod ġo post tagħha ġewwa Ħaż-Żabbar. Bdew imorru għand il-psikologa Carmen Sammut għal għajnuna u bdew jippruvaw jirranġaw. Ma' Carmen Sammut l-attur beda jhedded li jekk il-konvenuta mhux ser tirritorna d-dar kien ser jagħmel suwiċidju u Carmen Sammut kellha tikkuntatja lill-psikjatra Dr Etienne Muscat u l-Isptar Monte Karmeli u l-attur daħal l-Isptar għal xi tliet (3) ijiem.

Tgħid li f'dak il-punt kellha problema bil-*metres* tad-dawl fil-post tagħha u għalhekk ma setgħetx toqgħod hemm bla dawl u marret lura mal-attur. Tgħid li bdiet tikri garaxx bil-pjan li tmur toqgħod fih, madanakollu meta l-attur induna li ser titlaq beda jipprova jżomm lit-tifel iż-żgħir miegħu iżda t-tifel beda jibki ħafna u l-attur ċeda. Tgħid li dakinhar telqet u ma reġgħetx irritornat. Tispjega li miegħu "*is-sitwazzjoni qatt ma impruvjat, baqghet l-istess, il-flus dejjem jehodhomli; ma kellix flus biex nixtri l-bzonnijiet personali tieghi ta' mara; ma kellix flus biex nixtri l-ikel. Ma kellix flus biex nipprovdilhom l-affarijiet ta' l-iskola, ghax il-hin kollu kien qed johodli l-flus; u jekk jiena ma intieghx kien isawwatni.*"[44] Tgħid li kien jitlobha l-flus għal *ħmerijiet* li kien ikun irid jixtri *online* bħal "*per ezempju ried qliezet ta' taht partikolari, bi drapp partikolari, ha jixtrihom minn fuq l-online minn xi*

[44] Fol. 1254.

*websites; ma huwiex kapaci jistenna ghal argument il-5 days biex jaslu bil-posta; irid ihallas tad-DHL ukoll biex jiguh l-ghada."*[45]

Tgħid li telqet toqgħod il-garaxx f'Awwissu 2015 u sa Settembru ma għamlitx kuntatt miegħu sakemm it-tifel iż-żgħir kellu jagħmel operazzjoni u kellha ġġib il-kunsens tiegħu. Tgħid li minn hemm reġgħu bdew jitkellmu u għamlitielu ċara li bejneithom spiċċa kollox u li lit-tfal seta' jmur jarahom meta jrid, basta wara nofsinhar. Tgħid li darba ħa lit-tifel iż-żgħir u ma rritornahx u hemm għamlet rapport mal-pulizija u bdiet il-medjazzjoni u wara xahrejn it-tifel iż-żgħir ġie lura magħha. F'dawk ix-xahrejn it-tifel bil-kemm mar skola u Mużew ma attendiex. Tispjega li kienet iċċempel l-iskola tat-tifel filgħodu u tistaqsi lis-Surmast jekk it-tifel marx skola u d-drabi li mar kienet ittellalu l-*lunch* hi mingħajr ma jħalluha tara lit-tifel. F'dak il-punt imbagħad tgħid li ħadet il-kura u kustodja tat-tfal u ma kienx hemm aċċess.

Tgħid li fl-Għid imbagħad kellha terġa' tmur Dar Merħba Bik għaliex l-attur beda jċempel lill-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ jgħidilha li ħa jmur bil-karozza u jibqa' dieħel fil-garaxx tagħhom. Tgħid li mbagħad kien beda aċċess għal E biss għaliex lil F kien sawwtu u weħel il-Qorti fuq dan. Tiddiskrievi l-aċċess ma' E bħala "*dizastru. Dizastru mill-kbar.*"[46] Tispjega li dan kien minħabba l-fatt illi kif qalet il-ħaddiema soċjali tal-Appoġġ "*dejjem kien jghidlu affarijiet fuq suwicidju. Kien jghidlu affarijiet fuq is-sess. Kien jghidlu affarijiet fuq drogi."*[47] Tgħid li hemm il-Qorti waqfet l-aċċess iżda t-tifel spiċċa ħażin.

Iktar tard l-attur reġa' ngħata aċċess għaż-żewġ ulied ġewwa l-Appoġġ. E kien beda jirrifjuta l-aċċess filwaqt li F kien beda jgħid li jiddejjaq illi missieru kien qed jgħidlu affarijiet fuq il-Qorti u fil-fatt il-ħaddiema soċjali kienet twaqqfu. Tgħid li kien il-ħin kollu jgħidilhom kontriha jew li qed ibati b'qalbu u meta l-ħaddiema soċjali kienet titolbu ċ-ċertifikati hu ma kien jipproduċi xejn.

---

[45] Ibid.
[46] Fol. 1259.
[47] Ibid.

Wara xi żmien imbagħad meta kellu aċċess liberu għal F, kienet tieħu lit-tifel biex jiltaqa' miegħu ħdejn ħanut partikolari u hu kien joqgħod jaqlalha l-argumenti u jhedded li ser joqtolha. Tgħid li darba kellu lembuba f'idejh u ma felħitx aktar u marret għand il-Pulizija. Dan kollu seħħ quddiem it-tifel. Beda mbagħad aċċess fuq it-telephone u mbagħad fuq *Skye* u tgħid li l-attur kien jgħid lit-tifel affarijiet mhux xierqa u F ma tantx kien ikompli miegħu fid-diskursati. Imbagħad reġa' ngħata l-aċċess għal F imma F ma kienx ikun irid imur u ġieli anke ħarab. Tgħid li F kien qed jiddejjaq jisma' lill-attur jgħidlu kontriha u kif ser itellaha l-Qorti.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-konvenuta tiproduċi s-segwenti xiehda:

<u>*Xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza tal-Jobs Plus fis-seduta tal-1 ta' April 2022*[48]</u> li jippreżenta l-*employment history* tal-partijiet.

<u>*Xhieda tal-psikjatra Dr Etienne Muscat fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2022*[49]</u> li jgħid li ilu jaf lill-attur bħala pazjent tiegħu għal madwar ħmistax-il (15) sena. Il-Problema ewlenija tal-attur kienet *combined personality disorder.* Huwa jiddiskrivi li din kienet stil ta' mġieba karatterjarli u mhux kundizzjoni. Jiddiskrivi illi kien "*ma jistax imur ix-xoghol 'l ghaliex tbiddillu wisq wisq il-burdata. Kien jiehu medicina ghall-ugigh tas-snien. Kien ikollu hsibijiet li jmut. Kien ikollu hsibijiet li ser ikun vjolenti…*" Jispjega li din kienet parti mill-personalità u mhux kundizzjoni u għalhekk iktar diffiċli għax in-nies ma jinbidlux wisq. Madanakollu jgħid li ċ-ċirkostanzi jistgħu jgħinu u per eżempju minn meta l-partijiet ma baqgħux flimkien l-attur ma baqalux dik is-*sense of threat* li kien jesperjenza qabel, għalkemm xorta juri suspetti.

Jgħid li fil-bidu li kien jara' lill-attur, dan kien "*kaotiku*", iżda mbagħad is-sitwazzjoni nbidlet u kkalma ħafna. Madanakollu issa l-attur huwa mdejjaq ħafna għaliex iħoss li nsteraqlu t-tifel u din il-ħaġa saret ħaġa li l-ħin kollu jaħseb fuqha b'tali mod li lanqas ikun jista' jiffunzjona fuq ix-xogħol għaliex jaħseb biss f'hekk. Madanakollu jgħid li ma hemmx sinjali ta' vjolenza jew ta' reazzjonijiet ta' theddid fil-mod li qed jaġixxi l-attur

[48] Fol. 1293
[49] Fol. 1305.

affaċjat b'din il-problema. Jgħid li meta t-tifel kien ikun aggressiv u verbalment offensiv miegħu, l-attur kien iweġġa' ħafna.

_Xhieda ta' Saviour Theuma, in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2022[50]_ li jippreżenta żewġ dokumenti li juru rendikont ta' benefiċċji li ħadu l-partijiet mill-2010. Jgħid li l-attur jieħu assistenza medika li tingħata wara li jkun għadda Board Mediku. Jieħu wkoll assistenza soċjali għaliex ma jkunx jista' jmur jirreġistra.

_Xhieda tal-Banek_

_Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank of Valletta Malta plc fis-seduta tat-23 ta' Frar 2023[51]_ li tixhed dwar erba' kontijiet f'isem l-attur.

_Xhieda tar-rappreżentanti tal-HSBC Bank Malta plc fis-seduta tat-23 ta' Frar 2023[52] u seduti sussegwenti_ li jixhdu dwar kontijiet fuq isem l-attur li jinkludu żewġ kontijiet ta' *loans.*

**Ikkunsidrat**

Fid-dawl tal-fatt illi l-kawża odjerna saret fuq medda ta' 'l fuq minn tmien (8) snin, li fiha ġew preżentati numru kbir ta' rikorsi u rapporti u xehdu għadd ta' professjonisti u ngħataw diversi digrieti, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħti elenku tad- digrieti u rapporti l-iktar saljenti tal-każ sabiex tingħata stampa iktar ċara tal-każ kif żvolġa:

- Digriet tal-Qorti tad-29 ta' Awwissu 2015 fl-atti tal-medjazzjoni numru 142/15 li permezz tiegħu il-konvenuta omm tingħata l-kura u kustodja tal-minuri

- Digriet tal-Qorti tal-15 ta' April 2016 fl-atti tal-medjazzjoni li bih takkorda aċċess għat-tifel E darba fil-ġimgħa taħt superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ;

---

[50] Fol. 1300.
[51] Fol. 1458.
[52] Fol. 1459.

- Rikors tal-attur tas-7 ta’ Lulju 2016[53] fejn jgħid li qed jieħu għajnuna professjonali u jaħdem fuqu nniffsu u jitlob illi jingħata aċċess ukoll għall-minuri F li jgħid li kien ilu ma jarah minn Awwissu 2015;

- Nota tal-Aġenzija Appoġġ tat-8 ta’ Lulju 2016[54] li permezz tagħha jiġi rapportat li kienu qed jiġu riskontrati diversi diffikultajiet waqt l-aċċess ma’ E, minħabba li l-minuri ma jkunx irid jidħol għall-aċċess. It-tifel kien qed iħossu anzjuz ħafna, filwaqt li missieru kien juża kliem iebes miegħu u ġieli qallu “*idhol ghall-access ghax inkella tpattiha ommok.”* Il-ħaddiema tgħid li tinnota lit-tifel jirtgħod u jibki wara li jitlaq minn ħdejn missieru u li jkun jidher ma jiflaħx;

- Il-Qorti tissospendi kull aċċess permezz ta’ digriet tal-11 ta’ Lulju 2016;[55]

- Verbal tal-24 ta’ Novembru 2016[56] f’liem seduta l-Qorti tappunta lil Dr Carmen Sammut “*bhala espert psikologa sabiex tkellem liz-zewg minuri u partikolarment lil kbir li qieghed jgħid li irid jaghmel suwicidju jekk jigi kostrett li jara lil missieru, anke jekk taht supervizzjoni fl-Agenzija Appogg. Dr Carmen Sammut f'dan ir-rigward ghandha tkellem lil Andreana Gellel tal-Agenzija Appogg u lil certa Dr Azzopardi li tahdem fic-child guidance unit, liema persuni diga qeghdin isegwu lil dan il-minuri. Dr Carmen Sammut ghandha tkellem ukoll lit-tifel iz-zghir peress li ma kienx hemm problemi bhal dawn, izda kien hemm ukoll problemi ohra.”;*

- Rapport tal-psikologa Carmen Sammut redatt wara assesjar minn naħa tagħha iżda wkoll wara li tkellmet ma’ Andreana Gellel mill-Aġenzija Appoġġ kif ukoll mal-psikjatra Dr Lorraine Azzopardi u ma’ Ms J K, assistenta psikologa li kienu qed isegwu l-każ ukoll. Hija tirraporta li t-tfal kienu pożittivi dwar il-laqgħat ma’ missierhom u wrew li jixtiequ jkollhom kuntatt sew miegħu għaliex kif qal it-tifel il-

[53] Fol. 16.
[54] Fol. 25.
[55] Fol. 27.
[56] Fol. 50.

kbir, issa missieru kien jidher "*ok*". Hija tgħid li ma ratx li f'dan il-mument it-tfal deheru mbeżżgħin minn missierhom. Tgħid iżda li "*wiehed irid jifhem li dawn it-tfal huma psikologikament u emozzjonalment vulnerabbli, u x-xewqa li huma jesperjenzaw xi tfisser li tkun f'familja li huma jhossuhom normali – punt li anki semmiet Ms J K meta tkellimt maghha – hija mistennija.*"[57] Il-missier irid il-ħin tiegħu wkoll ta' preparazzjoni u għalhekk tirrakomanda li l-aċċess jiġi ntrodott b'mod gradwali li jibda minn aċċess b'superviżjoni għal *monitoring* u gwida għall-ġenituri. Is-sitwazzjoni terġa' tiġi evalwata wara sitt (6) xhur.

- Permezz ta' digriet tal-4 ta' Mejju 2017[58] il-Qorti taddotta r-rakkomandazzjonijiet tal-psikologa Sammut;

- Digriet tas-16 ta' Awwissu 2017[59] li bih il-Qorti terġa' taħtar lill-psikologa Carmen Sammut wara li l-Aġenzija Appoġġ preżentaw Nota fl-20 ta' Lulju 2017[60] li fiha l-ħaddiema soċjali nfurmaw lill-Qorti illi l-aċċess b'superviżjoni ma kienx qed ikun ta' suċċess u l-missier kien qed jerġa' jkun negattiv u jagħmel referenza għal ommhom sakemm imbagħad E beda jirrifjuta li jidħol għall-aċċess.

- Rapport tal-psikologa Carmen Sammut datat 30 ta' Ottubru 2017 li fih issemmi li hemm dinamika differenti tar-relazzjoni taż-żewġt itfal ma' missierhom. Hija tgħid li E huwa iktar trankwil u matur fil-pożizzjoni tiegħu u kemm xejn iktar pożittiv għal-laqgħat u r-relazzjoni ma' missieru, però realistiku wkoll għall-fatt li s-sitwazzjoni kienet differenti minn meta l-aħħar li ltaqa' mal-psikologa għaliex kien konxju li saru ħafna tentattivi biex ir-relazzjoni tiegħu ma' missieru timxi l-quddiem, iżda li kien sar ftit wisq progress. Jintqal li t-tifel ħass li aċċess strutturat ta' l-età tiegħu ma kienx ser jgħin. Xtaq li jkun hemm aċċess iżda mhux aċċess imfassal minn oħrajn u li jippreferi li meta jiltaqa' ma' missieru jkun ftiehem hu. Tgħid ukoll li huwa qal li kien kbir biżżejjed li ma jibżax jekk il-laqgħat ma'

[57] Fol. 214.
[58] Fol. 216.
[59] Fol. 390.
[60] Fol. 371.

missieru ma jkunux b'superviżjoni.  F minn naħa l-oħra xtaq li l-aċċess ikun b'superviżjoni.

Il-psikologa kienet qed tinnota wkoll diżgwid immatur bejn il-ġenituri li minħabba fih it-tifel iż-żgħir ma kienx qed jattendi skola.  Hija tirrakkomanda intereventi professjonali fil-forma ta' *family therapy* speċjalment għall-fatt illi tgħid li tħoss li hemm bżonn interventi professsjonali biex tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-missier u F.

Permezz ta' digriet tal-31 ta' Ottubru 2017[61] il-Qorti tadotta r-rakkomandazzjonijiet tal-esperta psikologa u tissolleċita lil Aġenzija Appoġġ biex toffri s-servizzi ta' *family therapy* lil din il-familja bil-għan li eventwalment jerġa' jibda l-aċċess.

- Digriet tal-15 ta' Marzu 2018[62] li bih il-Qorti taħtar lil Dr Mary Muscat bħala avukat tat-tfal u r-rapport tal-Avukat tat-Tfal tas-16 ta' Mejju 2018[63] li permezz tiegħu tissuġġerixxi illi l-minuri jkollhom aċċess liberu u ampju għal missierhom, kemm fiżikament u anke permezz ta' mezzi elettroniċi u li F jirċievi terapija kif suġġerit mill-psikologa Carmen Sammut.

- Digriet tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2018[64] li bih il-Qorti tadotta r-rakkomandazzjonijiet tal-Avukat tat-Tfal;

- Digriet tal-Qorti tad-19 ta' Ġunju 2018[65] wara rikors tal-attur, li bih il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex tobdi d-digriet tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2018 u tispeċifika li l-attur ikollu aċċess għall-minuri nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis mill-5.00 pm sas-7.30 pm u fil-*weekend* darba s-Sibt mill-10.00 am sal-4.00 pm u l-ġimgħa ta' wara l-Ħadd fl-istess ħinijiet;

[61] Fol. 399.
[62] Fol. 457.
[63] Fol. 458.
[64] Fol. 466.
[65] Fol. 482.

- Wara li l-Qorti terġa' taħtar lill-avukat tat-tfal Dr Mary Muscat, il-Qorti tordna permezz ta' digriet tas-6 ta' Ottubru 2018[66] li l-aċċess fiżiku u anke dak elettroniku tat-tfal għall-missierhom, jinqata' għal kollox;

  F'tali rapport ġie a konjizzjoni tal-Qorti illi l-minuri ma riedux li jkollom kuntatt ma' missierhom taħt l-ebda forma u b'mod assolut. Fir-rigward ta' E B, Dr Muscat innutat effett psikoloġiku negattiv, saħansitra punti rigward tentattivi ta' suwiċidju, għal liema E kien qiegħed jingħata l-kura neċessarja. Ix-xewqa tiegħu kienet li jiffoka fuq ħajtu u jsib xogħol, iżda bl-aċċess kif kien ma ħassx li kien f'pożizzjoni li jaħdem siegħat adattati. Barra minn hekk, ħareġ ċar li E iħoss ir-responsabbilità li jieħu ħsieb lil ħuh li huwa iżgħar minnu sabiex ma jgħaddix minn dak li għadda hu. Għaldaqstant Dr Muscat irrilevat li r-relazzjoni tal-minuri ma' missierhom iddeterjorat ferm sa mill-ewwel rapport u *ċioé* mis-16 ta' Mejju 2018 u dan *stante*: (i) negattività li toħroġ waqt l-aċċess, (ii) f'xi okkażjonijiet waqt l-aċċess il-missier ikollu impenji oħra fejn il-minuri jħossuhom abbandunati, (iii) l-aċċess eletroniku kien qed ikompli jfixkel is-sitwazzjoni, u (iv) l-battalja legali quddiem il-Maġistrat Astrid May Grima kienet qiegħda tkompli taffettwa lill-minuri. Fl-aħħar tar-rapport Dr Muscat talbet lil Qorti illi "*dan ir-rapport jiġi sigillat u ma jkunx accessibbli għall-partijiet u dana minħabba din il-battalja imsemmija fejn l-esponenti qiegħda tiġi wkoll ibbumbardjata b'emails ta' aġġornament qisu xi bulletin tal-aħbarijiet obbligatorju dettat mill-inkarigu li ngħatat. Barra minn hekk, wara l-ewwel rapport li l-esponenti kienet għamlet, giet mgħajra f'rikors sussegwenti minn waħda mill-partijiet li l-esponenti ma tifhimx f'xogħolha, li hi 'biased', u li hi inkompetenti. Ghalkemm hu normali li wiehed ma jaqbilx fuq xi punt/i legali, attakki daqshekk personali jiksru l-etika professjonali legali*". Għaldaqstant Dr Muscat ikkonkludiet ir-rapport tagħha billi irrakkomandat lill-Qorti: "*1. Illi jinqata' l-access mal-missier, kemm fiziku kif ukoll elettroniku, sakemm ma jkunux il-minuri stess li jiddeċiedu li jaraw lil misserhom, minn jeddhom. 2. Illi dan ir-rapport jiġi ssigillat sabiex ma jirrepetux ruhhm il-konsegwenzi li rrizultaw mill-ewwel rapport kemm fuq il-minuri, kemm fuq il-ġenituri u anki fuq l-esponenti. 3. Illiumilment*

[66] Fol. 505.

*jintemm l-inkarigu mogħti lill-esponenti fid-digriet tal-21 ta' Lulju 2018 minħabba fl-imġieba tal-aprtijiet fil-konfront tal-esponenti*".

- Rikors konġunt tal-partijiet tas-17 ta' Novembru 2020[67] u digriet tal-Qorti tat-18 ta' Novembru 2020[68] li bih il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-partijiet fejn ftehmu illi l-Qorti tipprovdi dwar aċċess favur l-attur versu l-minuri F permezz ta' awdjo viżivi virtwali ta' Skype darbtejn fil-ġimgħa u *ċioé* nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt bejn it-tmienja u t-tmienja u nofs ta' filgħaxija sakemm il-minuri jħossu komdu li jdum b'din il-kommunikazzjoni;

- Wara rikors ieħor minn naħa tal-attur sabiex l-aċċess jibda jkun fiżiku, il-Qorti tilqa'[69] t-talba tal-attur u takkorda aċċess għall-minuri F kull nhar ta' Erbgħa minn wara l-ħin tal-iskola sal-4.30 pm b'dan li l-missier jiġbor lit-tifel mill-iskola u jirritornah lill-omm fi tmiem l-aċċess.

- Rapport tad-Direttorat tal-Ħarsien tat-Tfal[70] wara d-digriet tal-Qorti tal-10 ta' Lulju 2021 li permezz tiegħu l-Qorti rreferiet il-każ lic-*Child Protection Unit* sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx *parental alienation* mill-missier u sabiex jiġi suġġerit kif ikun l-aħjar mod ta' aċċess bejn il-missier u l-ulied. Ġie rakkomandat illi:

  *"i. Illi l-aċċess bejn il-missier u l-minuri kkonċernat għandu jibqa' jseħħ. L-ħin allokat għall-aċċess għandu jkun wieħed ragonevoli biex ikun hemm biżżejjed ħin bejn il-missier u l-minuri biex tkompli tisaħħaħ din l-istess relazzjoni.*

  *ii. Illi kemm il-missier kif ukoll il-minuri għandhom ikunu aktar kreattivi u miftuħa għall-attivitajiet u modi differenti ta' kif jistgħu jqattgħu l-ħin flimkien biex ikun iktar wieħed ta' kwalita'.*

  *iii. Illi għandu jkun stipulat b'mod car minn fejn il-missier għandu jiġbor lill-minuri speċifikament meta l-minuri ma' jkollux skola.*

[67] Fol. 1058.
[68] Fol. 1060.
[69] Digriet tas-16 ta' Frar 2021 a fol. 1116.
[70] Tat-2 ta' Marzu 2022 a fol. 1271.

*iv. Illi l-missier u l-minuri għandhom jgħaddu n-numru tal-mowbajl lil xulxin biex b'hekk ikunu jistgħu jikkomunikaw dirett bejniethom. Speċjalment meta l-minuri jkun ma' jiflaħx jew għal xi raġuni valida l-aċċess ma' jkunx jista' jseħħ. Dan ineħħi l-bżonn li l-ġenituri jkollhom kull darba jikkomunikaw mal-avukati rispettivi tagħhom biex jieħdu f'idejhom din il-biċċa xogħol.*

*v. Illi l-Onorabbli Qorti tordna b'mod immedjat li l-missier u l-minuri kkonċernat jirċievu terapija flimkien, mis-Servizz ta' Psychological Services li jagħmel parti mill-aġenzija Sedqa, biex b'hekk ikunu jistgħu jaħdmu biex isaħħu ir-relazzjoni ta' bejniethom."*

- Digriet tat-28 ta' Marzu 2022[71] fejn il-Qorti tilqa' r-rakkomandazzjonijiet kollha tar-rapport u tordna li sakemm isseħħ it-terapija l-aċċess jibqa' jkun eżerċitat kif inhu fil-preżent;

- Ftehim bejn il-partijiet waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2022[72], fejn skond il-verbal tas-seduta l-partijiet ftehmu illi:

  *"jaqblu illi fir-rigward tal-half days tal iskola l-access tal-minuri jsehh mill-11.45 sas-14:30 b'dan li A B jigbor il-minuri mill-iskola u jirritornah lura d-dar wara l- access. Fis sajf l-access jigi ezercitat mid-9.30a.m. sa 11.55a.m. Iz- zewg accessi japplikaw ghal nhar ta' Erbgha u fis-Sajf il-minuri u l- missier jiltaqghu minn hdejn il-Convenience Store in-Naxxar."*

- Żewġ digrieti li permezz tagħhom il-Qorti takkorda aċċess ulterjuri lill-missier għall-minuri F fi żmien il-Milied u l-Għid il-Kbir;

- Rapport tal-Avukat tat-tfal tas-16 ta' Mejju 2024[73] li permezz tiegħu tirrakkomanda illi l-aċċess ikun wieħed liberu skond ix-xewqat tal-minuri F u digriet tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2024[74] fejn il-Qorti tordna li minn issa 'l quddiem l-aċċess tal-missier għall-minuri F iseħħ biss

[71] Fol. 1292.
[72] Fol. 1299.
[73] Fol. 1607.
[74] Fol. 1611.

bi qbil mal-imsemmi minuri jiġifieri jseħħ biss meta jkun irid il-minuri u bi ftehim bejn il-missier u l-minuri;

- Wara li l-attur jerġa' jitlob permezz ta' rikors tat-18 ta' Ġunju 2024[75] illi jingħata aċċess skedat għall-minuri, il-Qorti tiċħad it-talba permezz ta' digriet tad-19 ta' Ġunju 2024.[76]

## 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Il-Qorti bħala Qorti tal-Familja għandha d-dover illi tħares l-interessi supremi tal-minuri f'kull deċiżjoni li hija tieħu. Illi filfatt, il-prinċipju primarju, f'deċiżjonijiet illi jaffettwaw lill-minuri huwa dejjem dak tal-aqwa vantaġġ u ħarsien tal-minuri, kif sostnut fil-ġurisprudenza nostrana. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Ronald Apap vs Ruby Ritchie *pro et noe*** deċiża nhar is- 27 t'Ottubru 1995 fejn jingħad illi "*Fl-ahhar mill-ahhar hija biss il-Qorti li hi l-arbitru finali ta'x'inhu l-interess tal-minuri u kull direzzjoni taghha trid tkun ezaminata minn din l-ottika u hekk motivata.*"

Tgħid ukoll il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo,**[77] illi "*The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*"

[75] Fol. 1615.
[76] Fol. 1619.
[77] Deċiża fil-25 ta' Novembru 1998.

Jingħad ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[78] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[79] illi *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Tgħid il-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal f'Artikolu 3:

"*In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration."*

Il-liġi nostrana f'Artikolu 3B tal-Kap 16 tgħid kif ġej:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

Artikolu 7 tal-Kap 16 ikompli illi:

*"Il-**ġenituri** għandhom l-obbligu li jieħdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B"*

Artikolu 7 għalhekk japplika l-Artikolu 3B anke għall-ġenituri mhux miżżewwġin bħal ma hu dan il-każ. Jekk ma jkunx iktar possibbli għall-ġenituri illi jibqgħu f'relazzjoni, il-Qorti, jekk il-partijiet jiġu quddiemha, trid tara min mill-konjuġi (jekk mhux konġuntivament) għandu jkollu l-kura u kustodja ta' dawk it-tfal. Artikolu 56 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied."*

[78] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju 2017 (Rik. Ġur. Nru.268/11AL).
[79] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rik. Ġur. Nru.218/13AL).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**,[80] il-Qorti qalet illi "*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Dan ifisser illi għalkemm il-Qorti għandha l-obbligu illi tisma' ż-żewġ partijiet, hija trid tara li ma titħawwadx fil-lanjanzi miġjuba quddiemha mill-ġenituri kontra xulxin meta tiġi biex tiddeċiedi dwar dak li jolqot lit-tfal. Il-Qorti tisħaq illi kull deċiżjoni f'dan ir-rigward għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar interessi tat-tfal sabiex ikun żgurat illi dawn ikunu mdawwra bl-imħabba u l-għożża meħtieġa ta' ġenituri li huma kapaċi *li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw* lil uliedhom f'ambjent stabbli u kalm.

Fir-rigward tal-aċċess mal-minuri, il-Qorti tqis illi huwa ġeneralment fl-aħjar interess tal-minuri illi tiġi preservata r-relazzjoni tagħhom maż-żewġ ġenituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-ġenituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

*"(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.*

*(2)* ***Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***

*(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri."*

---

[80] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

Meta si tratta ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maġġor parti tal-każijiet li jitressqu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull deċiżjoni immankabilment tħalli effett duratur fuq il-ħajja tal-minuri u fuq il-ħajja ta' dawk ta' madwar il-minuri. Illi ġie rilevat mill-Qrati illi:

"*Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri…Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.*"[81]

Illi l-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħħda minnhom jekk mhux abbażi ta' rakkomandazzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**[82] ingħad is-segwenti:

*"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt ghall-access huwa wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-genituri, liema dritt jemanixxi mis-setgha ta' genitur. Ghaldaqstant id-dritt ghall-access ghandu jitgawda mill-genitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tigi assenjata lil wiehed mill-genituri. L-unika eccezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' access huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minhabba fattispecji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali access. Il-Qorti tiribadixxi illi ma ghandha l-ebda interess li tisfratta l-possibilita' li genitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm ragunijiet validi u legittimi, u dan f'gieh l-interess suprem tal-minuri."*

[81] Vide deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell datata 3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Cauchi.
[82] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, diversament preseduta, nhar is-27 t'Ottubru 2021 (Rik. Ġur. Nru. 202/2014).

L-istess Artikolu 7 tal-Kap 16 hawn fuq ċitat jobbliga lill-ġenituri li **jmantnu** lil uliedhom. Kif jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-Liġi, iż-żewġ ġenituri għandhom l-istess obbligu versu wliedhom sabiex imantnu lil uliedhom kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, kkalkulati skont il-bżonnijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap 16. L-Artikolu 20 tal-Kap 16 jipprovdi illi:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust."*

Il-Qorti dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbiltà tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.[83] Il-Qorti tissottolinea għalhekk li l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom

[83] Vide Tiziana Caruana vs Redent Muscat deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019 (Rik. Ġur Nru. 272/2018); Liza Spiteri vs Luke Farrugia deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019 (Rik. Ġur Nru. 219/2018).

manteniment adegwat li *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni u hu partikolari għall-bżonnijiet ta' kull wild.

Relevanti f'dan il-kuntest l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea**[84] fejn il-Qorti qalet illi "*Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."*

Joħroġ ċar mil-liġi nostrana u wkoll mill-Qrati li japplikawha, illi l-ġenituri għandhom iħossu din ir-responsabbiltà tal-ulied b'mod illi ladarba jġibuhom fid-dinja jridu jaraw li qed jiġu provduti b'ħajja xierqa għalihom, mhux kwistjoni ta' lussu iżda ħajja dinjituża kull wieħed skont il-bżonnijiet tiegħu. Kull wieħed mill-konjuġi irid jifhem din ir-responsabbiltà u ma jistax jevita illi jagħmel dan billi jistrieħ biss fuq il-parti l-oħra. Tgħallem fil-fatt din il-Qorti illi "*Il-messaġġ waħdini li din il-Qorti tkompli tgħaddi huwa li qabel ma wieħed jipprokreja l-ulied għandu jara li jkun f'pozizzjoni fizika, mentali u finanzjarja li jista' jieħu ħsieb l-istess ulied, u li jkollu d-diċenza jerfa' r-responsabbilita' li jġibu magħhom l-ulied. It-tfal ma humiex ġugarelli, fejn tista' tifrah bihom f'mument u twarrabhom sekonda wara.'*[85]

Magħdud ma' dan ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha.'*[86] Kif jingħad mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Angela Conti vs Lawrence Bonnici**[87] "*Wiehed l-ewwelnett jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel il-Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skond l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas."*

---

[84] Deċiża fil-31 ta' Jannar 2019.

[85] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-14 ta' Ottubru 2021 (Rik. Ġur. Nru 64/2017AL)

[86] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik. Ġur Nru. 152/16 AL).

[87] Deċiża fis-6 ta' Frar 2015.

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

F'dan il-każ, il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni ta' ġenituri u ż-żewġ uliedhom li għaddew minn ħafna taqlib u filwaqt li l-Qorti ma għandiex dubju li ż-żewġ ġenituri jħobbu lil uliedhom bla qies, ħallew il-pika ta' bejniethom tkisser kull paċi u armonija li setgħu kellhom it-tfal fit-trobbija tagħhom. Il-Qorti tħoss li għalkemm kien hemm problemi ta' karattri u ta' passat, il-ġenituri ma rnexxilhomx, anke jekk ġiet offruta ħafna għajnuna lilhom, *they go beyond their own relationship* u oġġettivament joffru ambjent fejn it-tfal, minkejja l-firda tal-ġenituri, jistgħu jħossuhom siguri u fil-paċi mingħajr ansjetà żejda.

Sar proprju l-kontra. It-tfal, f'dan il-każ kienu bħal ballun li wieħed jitfa' lil xulxin f'xi logħba football, fejn għaddew minn sieq għal l-oħra f'attentati li jiġi konkluż fejn hu l-aħjar li jitrabbew u min qed itihom trobbija sana. Fil-logħba daħlu wkoll esperti li provaw fl-esperjenza, fix-xjenza u fl-għarfien tagħhom, jifhmu x'qiegħed jiġri u x'qed itaqqal lil dawn l-ulied. Madanakollu l-karattri diffiċli taż-żewġ partijiet, il-Qorti tħoss li xekklu l-proċess u kien inutli li t-tfal jitkellmu mal-esperti u jippruvaw jifhmu huma stess x'qed itaqqalhom u fl-aħħar mill-aħħar x'jixtiequ. It-tfal għamlu snin għaddejjin minn din l-esperjenza qarsa li affetwathom anke akkademikament jekk mhux biss emozzjonalment u moralment.

Il-Qorti fil-fatt hija mbikkma kif f'każ fejn il-partijiet ġabu numru kbir ta' xhieda u ressqu ammont estrem ta' rikorsi u risposti u fejn intalbu li jitqabbdu numru ta' esperti *etc.*, ir-riżultat huwa dak li hu – żewġt itfal bi trawma ta' trobbija mxekkla minn ġlied bejn il-ġenituri tagħhom, imtaqqla bil-ħsieb ta' ġenituri jiġġieldu kontra xulxin fil-Qrati u affetwati anke akkademikament u moralment, u fejn ma seħħ l-ebda żvilupp pożittiv sa l-aħħar tal-kawża, tant li l-kawża tagħlaq fuq nota totalment negattiva tat-tifel iż-żgħir jitkellem bi stmerrija mal-missier dwar rigal ta' għeluq snin it-tifel stess. Għal dan ma jistax jingħata tort it-tifel, iżda biss il-ġenituri bl-attitudni tagħhom fit-trobbija ta' dawn it-tfal.

Jgħid fil-fatt Charlot Cassar, kap tal-iskola fejn kien jattendi l-minuri F, "*Mhix l-ewwel darba li kellna problemi ta' seprazzjoni bejn genituri izda dan hu wiehed mill-iktar kazi estremi, ghax il-genituri ma jablux. L-aghar*

*hu meta nigi biex niddieljaw mal-genituri, ghax donnu ma naslu mkien ghax m'hemmx kooperazzjoni…Dan il-kaz huwa tal-estrem fejn jekk ikun hemm kuncert tal-iskola, l-ewwel nitlob permess minghand l-omm biex nara taghtix kunsens lill-missier biex jattendi, imbaghad jekk jattendi jrid joqghod attent li jpoggi f'zewg direzzjonijiet opposti u noqghod attent ukoll li ma jersqux lejn xulxin."*[88]

It-tifel il-kbir E, illum huwa maġġorenni u għalhekk minkejja li anke hu għadda mit-turbulenzi li ġġib magħha battalja ta' din ix-xorta bejn il-ġenituri, issa sfurtunatament għadda ż-żmien u l-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar il-kura u kustodja tiegħu. It-tifel iż-żgħir F, illum ukoll kiber u fil-fatt għandu l-età ta' sittax-il (16) sena. Għaldaqstant dak li forsi kien japplika għal ulied meta dawn kienu iżgħar, illum huwa differenti u l-Qorti trid tiddeċiedi dwar kura u kustodja u aċċess tat-tifel F f'dan l-isfond.

Minn relazzjoni li kellhom iż-żewġ partijiet, barra miż-żwieġ twieldu ż-żewġt itfal E u F. Jidher illi l-partijiet jaqblu illi sakemm twieldu t-tfal is-sitwazzjoni ta' bejniethom ma kinitx waħda ħażina, għalkemm il-konvenuta tilmenta li d-dar kienet tagħmel kollox hi u ma kelliex sostenn mill-attur. Madanakollu jidher illi l-kwistjonijiet bdew fuq *issues* finanzjarji fejn il-missier ma kienx jaħdem għaliex kien jilmenta b'dahru u kellu wkoll *personality disorder* u l-piż finanzjarju ntefa kollu fuq l-omm. Hija tilmenta li kien joħdilha l-flus biex jixtri l-ħmerijiet minn fuq l-*internet* u ma kienx jibqala flus għall-affarijiet bażiċi ta' kuljum. Is-sitwazzjoni marret għal l-agħar meta l-attur ħa *loan* u ried jixtri *bullet proof vest.* Jidher li dak iż-żmien il-konvenuta telqet iktar minn darba mid-dar u minħabba li l-attur kien qed ikun vjolenti magħha f'dawn l-inċidenti marret anke kemm-il darba Dar Merħba Bik bit-tfal, sakemm imbagħad telqet għal kollox mid-dar u l-attur kien imur għandha wara nofsinhar jara lit-tfal. Seħħ incident imbagħad fejn l-attur ħa miegħu lit-tifel iż-żgħir u l-partijiet bdew proċeduri l-Qorti.

Minn hemm il-missier beda battalja twila biex jieħu lura l-aċċess speċjalment mat-tifel iż-żgħir F, issa suġġett ta' din id-deċiżjoni. Jixhdu fil-fatt esperti piskjatriċi illi l-għan ewlieni ta' ħajjet l-attur sar illi jieħu lura l-aċċess ma' ibnu. Dr Mark Xuereb jixhed illi "*Dejjem ikkopera mieghi.*

---

[88] Fol. 224.

*Mill-ewwel seduti hu ried juri li jerga jkollu drittijiet ta' papa'. Hu kellu diversi problem fil-passar u jifhem li jrid ikomoli jtejjeb lilu nniffsu. Dejjem it-tfal jibqghu f'mohhu kif kull daddy jixtieq. Kellu depression u kien hemm tracci ta' personalita li ried jahdem fuqu, ta' mgieba jigifieri u li ma ghandux mard mentali serju…Hu mhux ta' periklu ghalih inniffsu u ghal haddiehor. Very li minn lehnu jista jkun naqra zorr pero hi kulturali…"*[89]

Jgħid fuq l-istess linji l-psikjatra Dr Etienne Muscat illi l-attur "...*il-main problem kienet combined personality disorder*...*Kien bniedem reattiv hafna; bniedem li anke ma jkunx stabbli, jigifieri l-instabilita ta' burdata...Meta ahna nghidu personality disorder ahna qeghdin nghidu jigifieri...rather then hemm kundizzjoni jew depression jew tipo...Ahna qeghdin nghidu illi l-istil ta' imgieba u l-istil ta' persuna lejn il-hajja tkun wahda li hija konsistenti ghax tkun il-karattru tieghu, pero...qed taghmel diffikultajiet lilu u lil ta' madwaru...Jigifieri mindu kien hemm issue per ezempju illi ma baqghux flimkien, il-picture li kienet qabel li kienet wahda dominata minn...sense of threat, dik sparixxiet per ezempju. Jigifieri xorta jibqa' juri suspetti...U z-zghir mindu infirdu...din affetwatu immens. Jigiefieri l-fatt li dan it-tifel iz-zghir ma setax jarah kienet wega' kbira. Imma forsi meta nghid wega' kbora forsi mhux qed naghti l-impatt kollu fuqu. Jigiefieri dan is-Sur B minn dak iz-zmien 'l hawn kull ma jitkellem fuq kif ha jaqbdu biex igibu lura."*[90]

Dawn id-deskrizzjonijiet tal-esperti psikjatriċi fil-fatt jallaċjaw ħafna ma dak li kien qed jiġri fil-vjaġġ tal-missier biex jibqa' jara lil uliedu. Huwa kien u baqa' determinat sa l-aħħar li jiltaqa' ma' F b'mod illi din bħal saret ossesjoni. Il-Qorti tammira l-fatt illi l-missier kontra kull kurrent iġġieled daqsekk għal ibnu u l-istamina tieħu hija ta' eżempju għalina wkoll. Madnakollu l-istess fatt pożittiv wassal biex beda jara kollox bħala theddida għal dak li ried u din irriflettiet fir-relazzjoni tiegħu ma' wliedu u fil-mod kif beda jġib ruħu meta jiltaqa' magħhom. Fuq naħa huwa fatt li l-missier dejjem interessa ruħu f'uliedu, ħabbhom u anke segwa dejjem l-andament akkademiku tagħhom, kif fil-fatt jixhdu l-għalliema kollha tal-iskejjel, u fuq naħa għandek missier li ħsiebu kien dejjem fl-omm u li din qed ixxekkel ir-relazzjoni tiegħu ma wliedu. Dan il-ħsieb seta' kien veru

[89] Fol. 57.
[90] Fol. 1306.

u seta' ma kienx iżda l-missier għamel l-iżball, għal snin sħaħ, illi jiffoka fuq dan u minnflok ma prova jibni relazzjoni mat-tfal indipendenti mill-indħil li jista' jkun li l-omm kienet qed tagħmel, huwa ibumbardja lit-tfal dwar l-andament tal-kawża u b'kummenti dwar ommhom li kienu jkissruhom.

Fil-fatt l-ewwel Nota li preżentaw l-Aġenzija Appoġġ f'din il-kawża kellha propju dan il-fatt fiċ-ċentru tagħha, il-mod kif il-missier beda jkellem lit-tifel il-kbir E bi kliem iebes u fejn saħansitra qallu "*idhol ghall-access ghax inkella tpattiha ommok*."[91]

F'dawn iż-żmienijiet fil-fatt għal ħabta tal-2017, il-psikologa Carmen Sammut tirraporta illi t-tfal ried li jkollhom aċċess għal missierhom u F ma riedx li jieqaf l-aċċess u lil missieru kien jimmisjah. Fil-fatt jiġu preżentati wkoll messaġġi skambjati bejn il-missier u t-tifel tal-istess sena fejn it-tifel jidher jitkellem b'mod affettiv ma' missieru. It-tifel fil-fatt tant kien xtaq ikellem lil missieru li saħansitra krea profil elettroniku b'isem falz. Dan ifisser li ta' lanqas F ma kienx tant affetwat minn xi azzjonijiet li ra bejn ommu u missieru fil-passat, iżda l-ħsara bdiet issir matul iż-żmien.

Tgħid per eżempju Carmen Sammut illi "*Quddiemi jien rajt tifel imwegga' hafna li dan id-dizgwid bejn il-genituri qed izommu milli jbiddel skola fejn skond hu stess kien qed ibati..."*[92] Jingħad ukoll fir-rapport tal-Aġenzija Appoġġ tat-2 ta' Marzu 2022, illi F "*għandu biża li kemm ommu kif ukoll missieru jispiċċaw bla flus minħabba l-ispejjeż tal-Qorti."*[93] Dan kollu kien qed jaffetwa lit-tifel kif kien qed jaffetwa d-diskors li kien qed jgħid l-attur lill-minuri, f'sitwazzjoni fejn il-focus tiegħu kien fuq l-omm iktar milli biex jibni relazzjoni soda ma' ibnu. Jgħid l-istess rapport fil-fatt illi "*Il-minuri semma lill-ħaddiema soċjali ftit voice recordings li hu ħa bil-mowbajl waqt l-aċċess fejn il-missier jinstema jgħid 'lilek inħobbok iktar min ħuk u tafha l-istorja, jien il-belli liri qed nonfoq biex inkun f'ħajtek, tħobb il-L u lili le. L mhux demmek, dak bniedem barrani, il-kliem li qed tgħid mhux gejjin min qalbek*.'"[94] Barra minn dan, jhedded lill-omm mat-tfal.

---

[91] Fol. 25.
[92] Fol. 396.
[93] Fol. 1276.
[94] Fol. 1276.

It-tfal kienu mrobbijjin minn ommhom bħala l-*main provider and carer* u għalhekk ir-rabta ma' ommhom kienet kbira. Dan mingħajr ma naqqas xejn mill-imħabba lejn il-missier, madanakollu l-omm kellha ċertu dominanza fuqhom, riżultat naturali tal-fatt illi huma ddependew minnha fit-trobbija tagħhom. Apparti minn dan il-fatt jirriżulta ċar mill-atti illi jekk fuq naħa waħda l-missier kellu karattru impulsiv u reattiv u seta' kien hemm mumenti fejn kien vjolenti, l-omm minn naħa tagħha għandha karattru dominanti u tal-punt sew. Dan jirriżulta mill-filmati provduti fl-atti fejn il-konvenuta tidher targumenta ma għadd ta' terzi differenti u tuża kliem iebes u anke xi waqtiet vulgari magħhom, argumentat u heddet lill-pulizija stess,[95] filwaqt li fil-kontro-eżami fil-Qorti stess joħroġ il-karattru sod tagħha fil-mod li rreżistiet il-mistoqsijiet. Instabet ukoll ħatja quddiem il-Qorti Kriminali ta' kalunja u użu mhux xieraq ta' apparat ta' telekomunikazzjoni.[96] Fir-rapport tal-Avukat tat-tfal tas-16 ta' Mejju 2018[97] ħareġ biċ-ċar fil-fatt illi t-tfal kienu jibżgħu minn ommhom.

Il-missier stess jidher li kien iħossu mhedded mill-omm u fil-fatt joħroġ mir-rapport tal-Aġenzija Appoġġ illi: "*s-Sa D min dejjem kienet tagħmilhom bi kbar ħafna l- affarijiet u dejjem tgħajjat. Hu qal li kien iħossu anzjuż fil-preżenza tas-Sa D u li kellu biża' kbira minna. Is-Sur B spjega li meta s-Sa D kien ikollha xi nkwiet ma' xi ħadd, kienet tkun trid li hu jidħol fiha wkoll inkella tiġġieled miegħu. Aparti ir-recordings imsemmija iktar il-fuq il-missier preżenta wkoll xi filmati antiki fejn l-omm tidher tiġġieled ma' xi individwi. Is-Sur B qal li s-Sa D kienet fizikament abbuziva lejh diversi drabi waqt li hu sostna li qatt ma' refa' jdejh fuqha. Is-Sur B żied jgħid li s-Sa D dejjem lagħbitha tal-vittma.*

*Is-Sur B spjega li s-Sa D kienet ġiet sesswalment abbużata min membru tal-familja meta hi kienet għadha żgħira.[98] Is-Sur B sostna wkoll li omm il-minuri esperjenzat ħsibijiet suwicidali diversi drabi.*"

Fid-dawl ta' dan kollu wieħed ma jistgħaġibx li t-tfal, (anke jekk għas-saħħa tal-argument wieħed jemmen il-verżjoni tal-omm li ma kinitx qed tgħid xejn kontra l-missier biex tbiegħdhom minnu) anke jekk

[95] Fol. 1201.
[96] Kopja tas-sentenza a fol. 1028.
[97] Fol. 458.
[98] Fatt li ssemmih anke l-konvenuta.

inkonxjament, irabbu negattività fil-konfront tal-missier biex bħal jgħoġbu lil omm li kienet preżenza tant dominanti f'ħajjithom u jħossuhom tajjeb magħha. Dawn it-tfal ħareġ li kontinwament kienu qed iħossuhom sfurzati bejn il-ġenituri tagħhom u kull ma xtaqu, kif jirrepetu iktar minn darba, kien li jgħixu fil-paċi, jekk jista' jkun maż-żewġ ġenituri tagħhom.

Oltre minn hekk, il-mument li t-tifel semma dan ma' missieru u l-missier qal lill-omm li t-tifel qallu li jixtieq ikunu familja, l-omm qalet lit-tifel biex jekk irid imur jgħix ma' missieru għaliex hi ma kinitx sejra lura miegħu. Il-ġenituri fil-fatt kienu qiegħdin kontinwament, ideffsu f'ras it-tfal sens ta' *jien kontra tiegħu u hi kontra tiegħi* minflokk ma jsibu mod kif anke jekk mhux f'relazzjoni bejniethom, jikkoperaw fl-aħjar interess tat-tfal, fatt li jirriżulta anke minn fatti żgħar bħal fatt li ma kienux imorru għall-*Parents Day* flimkien, iżda f'ħinijiet differenti. Għaldaqstant it-tfal kienu qed iħossuhom f'battalja kontinwa bejn il-ġenituri fejn jiġu sfurzati jagħżlu lil min jaffordjaw iweġġgħu l-inqas, li f'dan il-każ kellha tkun l-omm bħala l-*main carer* tagħhom.

Jirriżulta għalhekk illi kif jgħid ir-rapport tal-Aġenzija Appoġġ illi iż-żewġ ġenituri jħobbu lil uliedhom. Fil-fatt jgħid F illi "*la ommu kif ukoll lanqas missieru ma jinjorawh, ma jċaħħduh milli jara l-ġenitur l-ieħor, ma' jinsultawx lilu dirett, u ma jwaħħlux fih meta jiġri xi ħaġa ħażina. Għall-kuntrarju il-minuri qal li ż-żewġ ġenituri juruh affezzjoni, it-tnejn jieħdu ħsiebu sew, jirċievi tifħir mit-tnejn, u ma' jibżax jgħid kemm lil ommu kif ukoll lil missieru kif ikun qed iħossu. Il-minuri spjega kif la ommu u kif lanqas missieru ma' jgħidulu li huma l-aħjar ġenitur.*"[99] Hija din l-isfortuna, illi filwaqt li fuq relazzjoni personali l-partijiet it-tnejn iħobbu lil uliedhom, huma tant, minħabba diffikultajiet diversi fil-karattri tagħhom iffukaw fuq il-piki ta' bejniethom, illi minn hekk ma ndunawx il-ħsara li kienu qed joħolqu f'uliedhom li ironikament kienu tant iħobbuhom.

Jidher li minn barra f'dan kien hemm problemi oħra li nħolqu minħabba nuqqas ta' *bon sens* minn naħa tal-omm. Għalkemm wieħed irid ifaħħar il-mod kif żviluppa it-tifel F, li kien deskritt mill-għalliema li kellu *misplaced anger* għal "*sweet boy, gustuz, well mannered; qatt ma kellna trouble*

[99] Fol. 1276.

*bih*,"[100] u dan minkejja dak kollu li kien għaddej minnu, iżda minn naħa l-oħra bagħta ħafna akkademikament, kif jirriżulta mill-andament preżentat mill-għalliema tal-iskola. L-omm ma għenitx f'dan għaliex għalkemm ma setgħetx tagħmel mod ieħor meta t-tifel kien ma jfilaħx, madanakollu jirriżulta illi l-*absetism* kien lampanti, anke jekk l-Awtortiajiet ma mexxewx kontra tagħha għal raġuni jew oħra. Fil-fatt anke meta l-iskola kienet *online* fiż-żmien il-pandemija tal-COVID, barra li t-tifel kien ilu sena ma jmurx skola, huwa lanqas ma attenda *online* fejn ovjament ma kienx hemm riskju ta' mard u lanqas preżenta *homework*. Jingħad fil-fatt illi t-tifel illum ma jattendix skola u qiegħed id-dar jistenna *l-ischool leaving certificate*. Fil-fatt dan kollu juri li anke minn naħa tal-omm kien hemm nuqqasijiet ta' *bon sens* fil-mod kif kienet qed trabbi lil uliedha.

Sadanittant F kiber u issa għandu sittax-il (16) sena, iżda l-missier baqa' sa l-aħħar jiġġieled għal ħin prezzjuz ma' ibnu, anke jekk waqt il-ħin tal-aċċess huwa ma jeżerċitahx b'mod li t-tifel iħossu sigur u fil-paċi. It-tifel fil-fatt jidher li matul iż-żmien mar lura mhux il-quddiem fir-relazzjoni tiegħu ma' missieru. Huwa spiċċa biex jgħid li ma jridx jiltaqa' iktar miegħu. Ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal tas-16 ta' Mejju 2024[101] jgħid li F jgħid li:

"*Waqt l-access, missieru dejjem ighid kontra ommu u kontra il-partner taghha (li mieghu il-minuri ghandu relazzjoni tajba).*
*Missieru jgħidlu li ghandu container droga u xi drabi anki jurih stampi ta' 'sex toy' fuq il-mobile u jghidlu biex jixtrih ghal ommu. Peress illi l-minuri jiddejjaq waqt l-access ma' missieru, hafna drabi joqghod fuq il- mobile. Meta missieru jarah fuq il-mobile jibda jghajjat mieghu u darba ghajjru 'ahdar'. Missieru joqghod ighidlu li ommu gabitu 'brainwashed' kontrih meta skont il-minuri dan mhux veru ghax ommu ma tkellmux fuq missieru. Il-minuri ighid illi missieru darba minnhom qallu li jekk xi darba jara lil ommu fit-triq, itajjarha. Qallu xi teltt darbiet illi ghad joqtolha lil ommu.*"

Fil-fatt hija kkonkludiet illi "*Hareg car ukoll illi l-access qieghed ikollu effett negativ fuq l-emozzjonijiet u l-benessere generali tal-minuri.*"[102] Hija fil-

[100] Xhieda ta' Corinne Cilia, Kap tal-Iskola Maria Regina College Middle School, Naxxar a fol. 1185.
[101] Fol. 1607.
[102] Fol. 1609.

fatt issottomettiet illi x-xewqat tat-tifel għandhom jiġu rispettati u għalhekk tirrakomanda li l-aċċess ikun liberu skont ix-xewqat tal-minuri għaliex l-aċċess impost kien qed jagħmel iktar ħsara milli ġid.

Hija sfurtuna kbira li wara snin twal ta' battalji bejn il-ġenituri, is-sitwazzjoni spiċċat agħar milli bdiet. Il-Qorti tinnota t-tonn xejn feliċi li bih it-tifel jkellem lil missieru fil-fatt fl-aħħar messaġġi preżentati ma' l-aħħar risposta tal-konvenuta. Dan ma hux punt li wieħed jiftaħar bih. Dan juri li t-tifel inbidel minn tifel li kien iħobb lil missieru u jieħu gost iqatta' ħin miegħu għal tifel li ma jridx jaf bih u ma jurihx rispett fi kliemu. Għalkemm il-Qorti taqbel ma' l-Avukat tat-Tfal u ma tħossx li billi tisforza lit-tifel jiltaqa' ma' missieru kif tordna hi, se jtejjeb ir-relazzjoni tiegħu ma' missieru, madanakollu twiddeb lil omm sabiex tkun ta' eżempju għal uliedha u ma tinkoraġġix dan it-tip ta' ton mal-missier. L-istess jingħad għall-missier għaliex bl-attitudni tiegħu wkoll, it-tfal illum huma fejn huma.

Il-Qorti hija konvinta illi għandha tieqaf tordna lill-minuri sabiex jiltaqa' ma' missieru bi sforz. Għalkemm F għadu minuri u għadu ma għalaqx it-tmintax-il (18) sena, huwa issa għandu sittax-il (16) sena u huwa ta' iktar detriment għar-relazzjoni tiegħu li jingħata l-messaġġ li jrid jiltaqa' ma' missieru ta' bil-fors. Il-missier irid jifhem li ladarba jħobb lit-tifel irid iħallih ftit liberu għaliex il-kuntrarju ma hu se jsarraf fl-ebda ġid lanqas għalih stess. Il-Qorti terġa' ssostni li l-ġenituri t-tnejn għandhom rwol importanti fil-ħajja tat-tfal, għandhom kemm għandhom età, u tittama li t-tfal tal-komparenti xi darba jagħrfu dan u li l-ġenituri jkunu hemm għalihom f'dak il-mument, lil hinn mill-piki li dejjem kellhom bejniethom.

Kif jingħad fis-sentenza fl-ismijiet MG Vs BG[103] "*Din il-Qorti taghmilha cara li mhux sitwazzjoni felici jew komda ghaliha li tippermetti li minuri jibqa' 'il boghod minn wiehed mill-genituri tieghu.*"

Kif ċitat iktar il fuq u jkompli jkun imtenni fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD[104]**: *"Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha l-*

---

[103] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit- 30 ta' Jannar 2025 (Rik. Gur. Nru 6/2020).
[104] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Frar 2018 (Rik. Gur. Nru 39/17).

*okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.""*

*Stante* li l-minuri F ilu għal żmien twil fil-kura ta' ommu l-konvenuta u llum prattikament huwa maġġorenni u għalhekk prattikament kapaċi li jieħu deċiżjonijiet għalih, ikun kompitu nutli li takkorda kura u kustodja konġuntiva għal ftit xhur, meta effettivament dan il-minuri ser ikun qed jieħu deċiżjonijiet waħdu dalwaqt, s'intendi dejjem aħjar li jieħu pariri mingħand min jista' jiggwidah u jixtieqlu l-ġid. Dan jingħad ukoll fl-isfond illi l-ġenituri żgur ma humiex kapaċi f'dan il-mument jikkoperaw bejniethom dwar il-kura u kustodja tat-tifel u dan jaħdem biss a detriment tal-istess tifel.

Għalhekk filwaqt li l-kura u kustodja tal-minuri F għandha tkun fdata f'idejn l-attriċi, kwalunkwe aċċess għandu jsir biss, jekk u meta t-tifel iħoss li hu lest li jiltaqa' ma' missieru u bi ftehim miegħu.

In vista li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivament f'idejn il-konvenuta u per konsegwenza l-minuri jgħix magħha, l-attur għandu minimament jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri binhom. Kif ritenut fil-ġurisprudenza "*il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat*."[105] Skont artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta *Il-manteniment għandu jingħata skont* ***il-bżonn ta' min jitolbu*** *u* ***l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

Kif diġà ntqal it-tifel il-kbir E għandu tnejn u għoxrin (22) sena u ma nġiebet l-ebda prova li huwa qiegħed jistudja fuq bażi *full-time*, anzi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2019[106] ġie dikjarat li E inżamm fuq xogħol *full time* u għalhekk ma għandux jibqa' jirċievi manteniment.

---

[105] *Vide* Tiziana Caruana vs Redent Muscat (Rik. Nru. 272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (Rik. Nru. 219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019.
[106] Fol. 829.

Il-Qorti għalhekk għandha tiddeċiedi dwar il-minuri F. Sfortunatament il-Qorti ma għandha l-ebda prospett tal-bżonnijiet tal-minuri u ma ngħabet l-ebda prova tal-bżonnijiet speċifiċi tat-tifel. Jirriżulta anke mix-xhieda tar-rappreżentant tal-*Jobs Plus*[107] illi l-attur ilu ma jaħdem mill-1998, filwaqt li l-konvenuta taħdem *full time*. Kif xehed ukoll il-psikjatra Dr Etienne Muscat, is-saħħa mentali tal-attur ma tantx kienet tippermettilu li jaħdem. Fil-fatt dejjem kien hemm problemi finanzjarji li ma għenux ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet għaliex il-konvenuta kienet tħoss li jaqa' kollox fuqha. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tar-rappreżentant tas-Sigurtà Soċjali illi l-attur huwa ċertifikat bħala "*unable to function at the workplace*"[108] u ċċertifikat minn Board Mediku li ma jistax jaħdem u għalhekk jipperċepixxi assistenza medika u assistenza soċjali. L-assistenza soċjali tingħatalu għaliex ma jistax jirreġistra għax-xogħol. Jirriżulta wkoll li fl-2005 u fl-2006 l-attur ħa żewġ loans mal-Bank HSBC biex jiffinanzja xiri u *completion* ta' proprjetà.

Il-konvenuta minn naħa l-oħra taħdem *full time,* kif fuq kollox kellha tagħmel biex tmantni liż-żewġ uliedha bi ftit li xejn għajnuna finanzjarja minn naħa tal-attur, u ma tirċevix assistenza soċjali iżda tirċievi l-manteniment f'forma ta' assistenza soċjali mill-*entitelment* tal-attur għaliex il-manteniment li l-Qorti ordnatlu li jħallas fil-proċeduri ta' medjazzjoni jinqata' minn hemm.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss illi l-attur għandu jħallas lill-konvenuta, s-somma ta' mitejn ħamsa u għoxrin Ewro (€225) kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għall-minuri F sakemm dan jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, li jkun jinkludi nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Illi dana l-ammont għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa' jitħallas wara l-età ta' tmintax-il (18) sena sal-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jekk it-tifel ikun għadu qed jistudja fuq bażi *full time* jew sakemm jibda jaħdem fuq bażi *full time*, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel. Jekk it-tifel jagħżel li jmur igħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il sena, il-manteniment irid jitħallas direttament lilu.

[107] Fol. 1296.
[108] Fol. 1304.

L-omm tipperċepixxi hi kull benefiċċju li jitħallas għall-minuri inkluż *Children's Allowance.*

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel u t-tieni talba tal-attur u tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri F għandha tkun fdata f'idejn il-konvenuta, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fil-konfront ta' E li llum huwa maġġorenni.

2. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tiċħad it-tieni talba rikonvenzjonali b'daka illi tiddeċiedi illi l-missier għandu jkollu aċċess liberu għat-tifel F u l-aċċess għandu jsir biss jekk u meta t-tifel iħoss li hu lest li jiltaqa' ma' missieru u bi ftehim miegħu.

3. Tilqa' t-tielet talba rikonvenzjonali limitatament għas-segwenti:

L-attur għandu jħallas lill-konvenuta, s-somma ta' mitejn ħamsa u għoxrin Ewro (€225) kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għall-minuri F sakemm dan jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, liema somma tkun jinkludi nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Illi dana l-ammont għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jibqa' jitħallas wara l-età ta' tmintax-il (18) sena sal-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full time*, liema ċirkostanza tavvera ruħha l-ewwel. L-omm tipperċepixxi hi kull benefiċċju li jitħallas għall-minuri inkluż *Children's Allowance.* Jekk it-tifel jagħżel li jmur igħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il sena, il-manteniment irid jitħallas direttament lilu.

L-attur ma għandu jħallas l-ebda manteniment għat-tifel E li llum għandu tnejn u għoxrin (22) sena u jaħdem *full-time*.

4. Tiċħad ir-raba' talba rikonvenzjonali b'dan illi l-Qorti tiddeċiedi illi l-ispejjeż kollha tal-kawża jibqgħu a karigu tal-partijiet fi kwoti ndaqs.